KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RICHARD DE LA TOUR
ippreżentati fit-8 ta' Ottubru 2020[1]

Kawża C-221/19

AV

fil-preżenza ta'

Pomorski Wydział Zamiejscowy Departamentu Do Spraw Przestępczości Zorganizowanej i Korupcji Prokuratury Krajowej

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Okręgowy w Gdańsku (il-Qorti Reġjonali ta' Gdańsk, il-Polonja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam kriminali – Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI – Artikolu 8(2) sa (4), Artikolu 17(1) u Artikolu 19 – Teħid inkunsiderazzjoni, fil-każ ta' proċedura għal sentenza globali, ta' kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor u li l-eżekuzzjoni tagħha tkun ġiet ittrasferita lill-Istat Membru fejn ser tingħata din is-sentenza – Deċiżjoni Qafas 2008/675/ĠAI – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 3(3) – Influwenza tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti fuq dawn il-kundanni"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda[2], kif ukoll tal-Artikolu 8(2) sa (4), tal-Artikolu 17(1) u tal-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea[3], kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009[4].

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċedura quddiem is-Sąd Okręgowy w Gdańsku (il-Qorti Reġjonali ta' Gdańsk, il-Polonja) intiża sabiex tingħata, minn din tal-aħħar, sentenza globali fir-rigward ta' AV li tkopri, b'mod partikolari, piena ta' priġunerija mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor u eżegwita fil-Polonja.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 ĠU 2008, L 220, p. 32.

3 ĠU 2008, L 327, p. 27.

4 ĠU 2009, L 81, p. 24, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas 2008/909".

3. Proċedura ta' sentenza globali tippermetti li tingħata piena globali abbażi ta' diversi pieni imposti f'diversi deċiżjonijiet ta' kundanna. Meta tali deċiżjonijiet joriġinaw minn qrati ta' Stati Membri differenti, l-implimentazzjoni ta' proċedura ta' sentenza globali tqajjem mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà tagħha mad-Deċiżjonijiet Qafas 2008/675 u 2008/909.

4. Din il-kawża toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tippreċiża r-rabta bejn ir-regoli stabbiliti minn dawn iż-żewġ deċiżjonijiet qafas. B'mod iktar preċiż, għandu jiġi ddeterminat jekk it-teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanna preċedenti mogħtija fi Stat Membru jistax isir fil-kuntest ta' proċedura ta' sentenza globali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, meta l-eżekuzzjoni ta' din il-kundanna preċedenti tkun ġiet ittrasferita lill-Istat Membru li fih is-sentenza globali għandha tingħata.

5. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nippproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi li l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, moqri fid-dawl tal-premessa 14 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix, bħala prinċipju, li qorti ta' Stat Membru tieħu inkunsiderazzjoni, fil-każ ta' proċeduri kriminali ġodda li jikkonsistu fi proċedura ta' sentenza globali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kundanna preċedenti mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor u li l-eżekuzzjoni tagħha tkun ġiet ittrasferita lill-Istat Membru fejn tiżvolġi din il-proċedura, konformement mar-regoli previsti mid-Deċiżjoni Qafas 2008/909. Madankollu, hija l-qorti li quddiemha tiżvolġi proċedura ta' sentenza globali li għandha tivverifika, wara eżami każ b'każ, skont is-sitwazzjoni konkreta, li tali proċedura la għandha l-effett li tinfluwenza dawn il-kundanni preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-eżekuzzjoni tagħhom fl-Istat Membru fejn tiżvolġi l-imsemmija proċedura, la li tirrevokahom, u lanqas li teżaminahom mill-ġdid. B'mod partikolari, l-implimentazzjoni ta' proċedura ta' sentenza globali ma għandha twassal la sabiex tiġi imposta piena globali li hija inqas mill-piena inizjali li tirriżulta mid-deċiżjoni ta' kundanna mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor, u lanqas għall-annullament tal-effetti ta' din id-deċiżjoni.

6. Ser nissuġġerixxi wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi li l-Artikolu 8, l-Artikolu 17(1) u l-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-implimentazzjoni minn Stat Membru ta' proċedura ta' sentenza globali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bil-kundizzjoni li din tosserva l-obbligu ta' prinċipju, impost fuq l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, li tirrikonoxxi s-sentenza li tkun ġiet trażmessa lilha u li teżegwixxi l-kundanna li t-tul u n-natura tagħha jkunu jikkorrispondu għal dawk previsti fis-sentenza mogħtija fl-Istat Membru emittenti. Huwa biss fil-limiti stretti previsti fl-Artikolu 8(2) sa (4) ta' din l-istess deċiżjoni qafas li t-tul jew in-natura tal-kundanna inizjali li hija s-suġġett ta' proċedura ta' sentenza globali jistgħu, jekk ikun il-każ, jiġu adattati qabel l-għoti ta' tali sentenza.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Deċiżjoni Qafas 2008/675

7. Il-premessi 2, 3, 6, 7 u 14 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 jipprovdu:

"(2) Fid-29 ta' Novembru 2000 il-Kunsill, bi qbil mal-konkluzjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere, adotta il-Programm ta' miżuri biex jimplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'materji kriminali […], li jipprovdi għall-'adozzjoni ta' strument wieħed jew aktar li jistabbilixxu l-prinċipju li qorti fi Stat Membru wieħed għandha tkun tista' tieħu konsiderazzjoni ta' sentenzi kriminali finali mogħtija mill-qrati fi Stati Membri oħrajn għall-finijiet ta' valutazzjoni tar-rekord kriminali tal-ħati u biex jiġi stabbilit jekk dan reġax ikkommetta reat, u sabiex jiġi determinat it-tip ta' sentenza applikabbli u l-arranġamenti għall-infurzar tagħha'.

(3) L-għan ta' din id-Deċiżjoni Kwadru hu li jkun stabbilit obbligu minimu għall-Istati Membri biex jieħdu in konsiderazzjoni kundanni mogħtija fi Stati Membri oħrajn. […]

[…]

(6) B'kuntrast ma' strumenti oħra, din id-Deċiżjoni Kwadru ma timmirax għall-eżekuzzjoni fi Stat Membru wieħed ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji meħuda fi Stati Membri oħrajn, iżda pjuttost timmira li tippermetti l-konsegwenzi jiġu marbuta ma' kundanna preċedenti mogħtija fi Stat Membru wieħed waqt proċedimenti kriminali ġodda fi Stat Membru ieħor sal-punt li tali konsegwenzi huma marbuta ma' kundanni nazzjonali preċedenti skond id-dritt ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

Għalhekk din id-Deċiżjoni Kwadru ma fiha l-ebda obbligu li jittieħdu in konsiderazzjoni tali kundanni preċedenti per eżempju f'każijiet fejn l-informazzjoni miksuba taħt strumenti applikabbli mhix suffiċjenti, fejn kundanna nazzjonali ma kinitx tkun possibbli rigward l-att li għalih il-kundanna preċedenti kienet ġiet imposta jew is-sanzjoni imposta preċedentement mhix magħrufa mis-sistema legali nazzjonali.

(7) L-effetti ta' kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor għandhom ikunu ekwivalenti għall-effetti ta' deċiżjoni nazzjonali fl-istadju ta' qabel il-kawża ta' proċedimenti kriminali, fl-istadju tal-kawża u fil-ħin ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza.

[…]

(14) Indħil f'sentenza jew l-eżekuzzjoni tagħha jkopri inter alia sitwazzjonijiet fejn, skond id-dritt nazzjonali tat-tieni Stat Membru, is-sanzjoni imposta f'sentenza preċedenti għandha tiġi assorbita minn jew inkluża f'sanzjoni oħra, li mbagħad għandha tiġi effettivament eżegwita, sal-punt li l-ewwel sentenza ma tkunx diġà ġiet eżegwita jew l-eżekeżekuzzjoni tagħha ma tkunx ġiet trasferita lit-tieni Stat Membru[.]"

8. Skont l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, din hija intiża sabiex "tiddetermina l-kondizzjonijiet li taħthom, matul proċedimenti kriminali fi Stat Membru kontra persuna, kundanni preċedenti li ngħataw kontra l-istess persuna għal fatti differenti fi Stati Membri oħrajn, jittieħdu in konsiderazzjoni".

9. L-Artikolu 3 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Teħid in konsiderazzjoni, matul proċedimenti kriminali ġodda, ta' kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor", huwa fformulat kif ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li matul proċedimenti kriminali kontra persuna, kundanni preċedenti li ngħataw kontra l-istess persuna għal fatti differenti fi Stati Membri oħrajn, li fir-rigward tagħhom inkisbet informazzjoni taħt strumenti applikabbli għal għajnuna legali reċiproka jew għall-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali, jittieħdu in konsiderazzjoni sal-livell li jittieħdu in konsiderazzjoni kundanni nazzjonali preċedenti, u li jiġu attribwiti lilhom effetti legali ekwivalenti bħal kundanni nazzjonali preċedenti, bi qbil mad-dritt nazzjonali.

2. Il-Paragrafu 1 għandu japplika fl-istadju ta' qabel il-kawża, fl-istadju tal-kawża innifisha u fil-ħin ta' l-eżekuzzjoni tal-kundanna, partikolarment fir-rigward tar-regoli ta' proċedura applikabbli, inklużi dawk relatati mad-detenzjoni proviżorja, id-definizzjoni tar-reat, it-tip u l-livell tas-sentenza, u r-regoli dwar l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni.

3. It-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti mogħtija fi Stati Membri oħrajn, kif previst fil-paragrafu 1, m'għandux ikollu l-effett li jfixkel, jirrevoka jew jirrevedi kundanni preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' l-eżekuzzjoni tagħhom mill-Istat Membru li jkun qed imexxi l-proċedimenti l-ġodda.

4. Skond il-paragrafu 3, il-paragrafu 1 m'għandux japplika sal-punt li, li kieku l-kundanna preċedenti kienet kundanna nazzjonali ta' l-Istat Membru li jkun qed imexxi l-proċedimenti l-ġodda, it-teħid in konsiderazzjoni tal-kundanna preċedenti kien, skond id-dritt nazzjonali ta' dak l-Istat Membru, ikollu l-effett li jfixkel, jirrevoka jew jirrevedi l-kundanna preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' l-eżekuzzjoni tagħha.

5. Jekk ir-reat li għalih il-proċedimenti ġodda jitwettqu ġie kommess qabel mal-kundanna preċedenti tkun ingħatat jew tkun ġiet eżegwita kompletament, il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx ikollhom l-effett li jobbligaw lill-Istati Membri biex japplikaw ir-regoli nazzjonali tagħhom dwar kif jiġu imposti s-sentenzi, fejn l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli għal kundanni barranin tillimita lill-imħallef fl-impożizzjoni ta' sentenza fil-proċedimenti ġodda.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'tali każijiet il-qrati tagħhom jistgħu b'xi mod ieħor jieħdu in konsiderazzjoni kundanni preċedenti mogħtija fi Stati Membri oħrajn."

2. Id-Deċiżjoni Qafas 2008/909

10. L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jiddisponi:

"Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas:

a) 'sentenza' għandha tfisser deċiżjoni finali jew ordni tal-qorti ta' l-Istat emittenti li timponi piena fuq persuna fiżika;

b) ‘piena’ għandha tfisser kwalunkwe piena ta’ kustodja jew kwalunkwe miżura li tinvolvi ċaħda tal-libertà imposta għal perijodu ta’ żmien limitat jew mhux limitat minħabba reat kriminali abbażi ta’ proċedimenti kriminali;

c) ‘Stat emittenti’ għandha tfisser l-Istat Membru li fih tkun ingħatat sentenza;

d) ‘Stat ta’ esekuzzjoni’ għandha tfisser l-Istat Membru li tiġi trasmessa lilu sentenza għall-fini tar-rikonoxximent u l-infurzar tagħha.”

11. L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 huwa fformulat kif ġej:

“1. L-għan ta’ din id-Deċiżjoni Qafas hija li tistabbilixxi r-regoli li taħthom Stat Membru, bil-ħsieb li jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna sentenzjata, għandu jirrikonoxxi sentenza u jinforza l-piena.

[…]

3. Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika biss għar-rikonoxximent ta’ sentenzi u l-infurzar ta’ pieni fi ħdan it-tifsira ta’ din id-Deċiżjoni Qafas. […]”

12. Skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, intitolat “Rikonoxximent tas-sentenza u infurzar tal-piena”:

“1. L-awtorità kompetenti ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni għandha tirrikonoxxi s-sentenza li tkun ġiet trasmessa skond l-Artikolu 3a u waqt li tiġi segwita l-proċedura taħt l-Artikolu 5, u għandha minnufih tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għall-infurzar tal-piena, sakemm ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet għal non-rikonoxximent jew non-infurzar previsti fl-Artikolu 9.

2. Fejn il-piena tkun inkompatibbli mal-liġi ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni fir-rigward tat-tul tagħha, l-awtorità kompetenti ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni tista’ tiddeċiedi li tadatta l-piena biss fejn dik il-piena taqbeż il-piena massima prevista għal reati simili taħt il-liġi nazzjonali tiegħu. Il-piena adattata m’għandhiex tkun anqas mill-piena massima prevista għal reati simili taħt il-liġi ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni.

3. Fejn il-piena tkun inkompatibbli mal-liġi ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni f’termini tan-natura tagħha, l-awtorità kompetenti ta’ dak l-Istat ta’ esekuzzjoni tista’ tadattaha għall-piena jew għall-miżura prevista taħt il-liġi tagħha stess għal reati simili. Tali piena jew miżura għandha tikkorrispondi kemm jista’ jkun possibbli mal-piena imposta fl-Istat emittenti u għalhekk l-piena m’għandhiex tiġi konvertita f’piena pekunjarja.

4. Il-piena adattata m’għandhiex taggrava l-piena li ngħatat fl-Istat emittenti fin-natura jew id-dewmien tagħha.”

13. L-Artikolu 17 ta’ din id-deċiżjoni qafas, intitolat “Liġi li tirregola l-infurzar”, jiddisponi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“L-infurzar ta’ piena għandu jkun irregolat bil-liġi ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni. L-awtoritajiet ta’ l-Istat ta’ esekuzzjoni waħedhom għandhom, soġġett għall-paragrafi 2, u 3, jkunu kompetenti biex jiddeċiedu dwar il-proċeduri għall-infurzar u biex jiddeterminaw il-miżuri kollha relatati miegħu, inklużi r-raġunijiet għal liberazzjoni bikrija jew kondizzjonata.”

14. Skont l-Artikolu 19 tal-imsemmija deċiżjoni qafas, intitolat "Amnestija, maħfra, reviżjoni tas-sentenza":

"1. Amnestija jew maħfra jistgħu jingħataw mill-Istat emittenti kif ukoll mill-Istat ta' esekuzzjoni.

2. L-Istat emittenti biss jista' jiddeċiedi dwar applikazzjonijiet għal reviżjoni tas-sentenza li timponi l-piena li trid tiġi infurzata taħt din id-Deċiżjoni Qafas."

B. Id-dritt Pollakk

15. L-Artikolu 85(4) tal-ustawa – Kodeks karny (il-Liġi li Tistabbilixxi l-Kodiċi Kriminali)[5] tas-6 ta' Ġunju 1997, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali, huwa fformulat kif ġej:

"Il-piena globali ma tkoprix il-pieni mogħtija fis-sentenzi msemmija fl-Artikolu 114a."

16. L-Artikolu 114a tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi:

"1. Tikkostitwixxi wkoll sentenza ta' kundanna l-kundanna definittiva għat-twettiq ta' reat, mogħtija minn qorti kriminali kompetenti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, ħlief jekk, bis-saħħa tad-dritt kriminali Pollakk, dan l-att ma jikkostitwixxix reat, jekk l-awtur ma jkunx suġġett għal piena jew jekk tkun ingħatat piena mhux speċifikata fil-liġi.

2. Fil-każ ta' kundanna mill-qorti msemmija fil-paragrafu 1, f'kawżi:

1) fil-qasam tal-applikazzjoni ta' liġi kriminali ġdida li daħlet fis-seħħ wara li tkun ingħatat is-sentenza ta' kundanna,

2) fil-qasam tat-tħassir tal-kundanna mir-rekord kriminali,

– hija l-liġi tal-post tal-kundanna li għandha tapplika […]

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw jekk l-informazzjoni ġejja mir-rekord kriminali jew miksuba minn qorti ta' Stat Membru tal-Unjoni […] ma tkunx biżżejjed sabiex tiġi ddeterminata l-kundanna jew jekk il-piena mogħtija tkun is-suġġett ta' maħfra tal-piena fl-Istat ta' kundanna."

III. Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

17. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li AV kien ġie kkundannat permezz ta' erba' sentenzi individwali, li tlieta minnhom huma sentenzi mogħtija minn qrati Pollakki u waħda minnhom hija sentenza mogħtija minn qorti Ġermaniża.

18. Fil-31 ta' Lulju 2018, AV ressaq talba quddiem il-qorti tar-rinviju għall-għoti ta' sentenza globali fil-konfront tiegħu. Skont din il-qorti, żewġ kundanni huma eżekuttivi, jiġifieri, minn naħa, il-kundanna mogħtija mil-Landgericht Lüneburg (il-Qorti Reġjonali ta' Lüneburg, il-Ġermanja), permezz ta' sentenza tal-15 ta' Frar 2017, li AV għandu jiskonta mill-1 ta' Settembru 2016 sad-29 ta' Novembru 2021, u, min-naħa l-oħra, il-kundanna mogħtija

[5] Dz. U. Nru 88, intestatura 553, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Kriminali".

mill-qorti tar-rinviju, permezz ta' sentenza tal-24 ta' Frar 2010, li AV għandu jiskonta mid-29 ta' Novembru 2021 sat-30 ta' Marzu 2030. Is-sentenza tal-Landgericht Lüneburg (il-Qorti Reġjonali ta' Lüneburg) ġiet irrikonoxxuta għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tagħha fil-Polonja permezz ta' digriet tal-qorti tar-rinviju tat-12 ta' Jannar 2018. Din il-qorti tippreċiża li, f'dan id-digriet, il-klassifikazzjoni ġuridika tal-atti kienet ġiet adottata konformement mad-dritt Pollakk, li kien ġie indikat li l-piena globali ta' priġunerija ta' ħames snin u tliet xhur kienet eżekuttiva u li din hija piena identika, fir-rigward tat-tul tagħha, għall-piena mogħtija mis-sentenza tal-Landgericht Lüneburg (il-Qorti Reġjonali ta' Lüneburg).

19. Fit-talba tiegħu intiża għall-għoti ta' sentenza globali, AV sostna li, peress li s-sentenza tal-Landgericht Lüneburg (il-Qorti Reġjonali ta' Lüneburg) kienet ġiet irrikonoxxuta għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tagħha fil-Polonja, il-kundizzjonijiet sabiex tingħata sentenza globali kienu ssodisfatti u li din is-sentenza kellha tingħata skont il-prinċipju ta' assorbiment assolut.

20. Insostenn tat-talba tiegħu, AV irrileva l-eżistenza ta' sentenza globali, mogħtija mill-qorti tar-rinviju fid-29 ta' Jannar 2014, li għaqdet kundanna imposta permezz ta' sentenza tal-Landgericht Göttingen (il-Qorti Reġjonali ta' Göttingen, il-Ġermanja) tat-13 ta' Marzu 2012, irrikonoxxuta għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tagħha fil-Polonja, ma' kundanna mogħtija b'sentenza tal-qorti tar-rinviju. Din tippreċiża li din is-sentenza globali saret definittiva.

21. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-qorti tar-rinviju tesponi li għandha quddiemha l-problema dwar jekk id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjonijiet Qafas 2008/675 u 2008/909 jipprekludux li sentenza globali mogħtija fil-Polonja tkun tista' tkopri l-kundanni mogħtija f'dan l-Istat Membru u l-kundanni mogħtija fi Stat Membru ieħor, li huma rrikonoxxuti għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tagħhom fil-Polonja.

22. Il-qorti tar-rinviju tispjega, barra minn hekk, li, bis-saħħa tal-Artikolu 85(4) tal-Kodiċi Kriminali, moqri flimkien mal-Artikolu 114a tal-istess kodiċi, fl-ordinament ġuridiku Pollakk, is-sentenza globali ma tkoprix il-kundanni mogħtija minn qorti kompetenti f'materji kriminali fi Stat Membru ieħor.

23. F'dak li jirrigwarda l-proċedura ta' sentenza globali prevista mid-dritt Pollakk, il-qorti tar-rinviju tispjega li s-sentenza li ttemm din il-proċedura tinsab fil-fruntiera bejn sentenza fuq il-mertu u l-eżekuzzjoni tal-piena u li din tkopri kundanni mogħtija f'sentenzi li saru definittivi, bl-għan li "tikkoreġi" ir-reazzjoni legali għar-reati mwettqa, li setgħu kienu s-suġġett ta' proċedura unika, u, għalhekk, li "tirrazzjonalizza l-pieni", mingħajr ma s-sentenza globali tikkostitwixxi ndħil fis-sentenzi individwali kkonċernati. B'mod partikolari, is-sentenza globali ma tippreġudikax id-determinazzjoni tal-ħtija tal-awtur ta' reat partikolari, kif tinsab fis-sentenza fuq il-mertu.

24. Skont il-qorti tar-rinviju, it-teħid inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' sentenza globali, minn naħa, tal-kundanni mogħtija fi Stat Membru, li huma rrikonoxxuti għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tagħhom fi Stat Membru ieħor, u, min-naħa l-oħra, tal-kundanni mogħtija f'dan l-Istat Membru jippermetti li tiġi evalwata l-attività delittwali kollha tal-persuna li kienet is-suġġett ta' diversi kundanni. Dan jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' "spazju komuni ta' ġustizzja".

25. Barra minn hekk, sa fejn sentenza mogħtija fi Stat Membru tiġi rrikonoxxuta għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tagħha fi Stat Membru ieħor, konformement ma' dak li tipprevedi d-Deċiżjoni Qafas 2008/909, hemm lok, skont il-qorti tar-rinviju, li jitqies li din is-sentenza ssir il-bażi tad-deċiżjonijiet kollha ta' proċedura u ta' eżekuzzjoni li għandhom jadottaw il-qrati tal-Istat Membru li fih din għandha tiġi eżegwita. Għalhekk, is-sentenza rrikonoxxuta għall-finijiet

tal-eżekuzzjoni tagħha fi Stat Membru ieħor tintegra l-ordinament ġuridiku ta' dan l-Istat Membru u għandha tiġi eżegwita konformement mal-leġiżlazzjoni ta' dan tal-aħħar, li barra minn hekk jirriżulta b'mod ċar mill-Artikolu 17(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909.

26. Fl-aħħar nett, skont il-qorti tar-rinviju, l-impossibbiltà li tingħata sentenza globali li tieħu inkunsiderazzjoni l-kundanni mogħtija fi Stat Membru u li huma rrikonoxxuti għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tagħhom fi Stat Membru ieħor tfisser li ċittadin ikkundannat diversi drabi fi Stat Membru wieħed ikun jinsab f'sitwazzjoni iktar favorevoli minn ċittadin li jkun ġie kkundannat fi Stati Membri differenti. Għalhekk, fuq il-livell tal-Unjoni, għandha tiġi żgurata ugwaljanza fit-trattament taċ-ċittadini li jinsabu f'sitwazzjoni simili.

27. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sąd Okręgowy w Gdańsku (il-Qorti Reġjonali ta' Gdańsk) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas [2008/675] li jipprovdi li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor, previst fil-paragrafu 1, la għandu l-effett li jinfluwenza dawn il-kundanni preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni tagħhom fl-Istat Membru fejn iseħħu l-proċedimenti l-ġodda, la li jiġu rrevokati, u lanqas li jerġgħu jiġu eżaminati mill-ġdid, għandu jiġi interpretat fis-sens li jitqies bħala att li jinfluwenza [l-kundanni] fis-sens ta' din id-dispożizzjoni mhux biss il-fatt li sentenza globali tkopri piena prevista f'sentenza mogħtija fi Stat [Membru], iżda wkoll il-fatt li din is-sentenza tkopri tali piena, li ttieħdet għal eżekuzzjoni fi Stat [Membru ieħor] b'sentenza mogħtija f'dan l-Istat, fil-kuntest tas-sentenza globali?

2) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas [2008/909], dwar il-prinċipji tal-proċedura ta' exequatur, stipulati fl-Artikolu 8(2) sa (4) [tagħha], fl-Artikolu 19 […] tagħha, li jipprovdi li l-amnestija u l-maħfra jistgħu jingħataw kemm mill-Istat emittenti kif ukoll mill-Istat ta' eżekuzzjoni (paragrafu 1) [u li] huwa biss l-Istat emittenti li jista' jagħti deċiżjoni fuq rikors għal reviżjoni tas-sentenza li tagħti l-kundanna li għandha tiġi eżegwita skont din id-deċiżjoni qafas (paragrafu 2), kif ukoll l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17(1) tagħha, skont liema l-eżekuzzjoni ta' kundanna hija rregolata bid-dritt tal-Istat ta' eżekuzzjoni, huwa possibbli li tingħata sentenza globali li tkopri l-pieni previsti f'sentenza mogħtija fi Stat [Membru] eżegwita fi Stat [Membru ieħor] permezz ta' sentenza mogħtija f'dan l-Istat fil-kuntest ta' sentenza globali?"

28. Il-Gvern Pollakk, Ċek, Spanjol u Ungeriż kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Il-Gvern Pollakk, Ċek u dak Spanjol kif ukoll il-Kummissjoni wieġbu fit-terminu mogħti għall-mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja.

IV. Analiżi

29. Il-qorti tar-rinviju tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta, minn naħa, l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 kif ukoll, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 8(2) sa (4), l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17(1) u l-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909.

30. Din il-qorti tistaqsi, essenzjalment, jekk dawn id-dispożizzjonijiet għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li qorti ta' Stat Membru li fih għandha tiġi eżegwita, konformement mad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, piena ta' priġunerija imposta minn qorti ta' Stat Membru ieħor, tagħti sentenza globali li tkopri pieni imposti mill-qrati ta' dawn iż-żewġ Stati Membri.

31. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tiċċara l-interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet, filwaqt li tippreċiża li l-Artikolu 85(4) tal-Kodiċi Kriminali, moqri flimkien mal-Artikolu 114a tal-istess kodiċi, jeskludi l-għoti ta' sentenza globali jekk din tinkludi kundanna mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor.

32. Qabel ma tingħata deċiżjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk kundanna preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni minn qorti ta' Stat Membru li quddiemha titressaq talba għall-għaqda tal-pieni, għandhom jiġu ppreżentati xi osservazzjonijiet dwar din it-tip ta' proċedura.

A. Osservazzjonijiet preliminari fuq l-għaqda tal-pieni

33. B'mod ġenerali, l-għaqda tal-pieni, li tieħu l-forma ta' proċedura ta' sentenza globali fil-Polonja, hija intiża sabiex tapplika fil-każ ta' konkorrenza reali ta' reati. Il-konkorrenza reali ta' reati tkopri s-sitwazzjoni li fiha persuna twettaq diversi reati li ma humiex is-separati permezz ta' kundanna definittiva. Il-persuna kkonċernata tista' tkun iġġudikata għal dawn id-diversi fatti fil-kuntest ta' proċeduri distinti li jistgħu, jekk ikun il-każ, jiżvolġu quddiem il-qrati ta' Stati Membri differenti. L-għaqda tal-pieni tippermetti għalhekk li tiġi żgurata l-unità fit-trattament bejn l-ipoteżi fejn ir-reati konkorrenti jiġu ġġudikati fl-istess proċedura u dik fejn dawn jiġu ġġudikati separatament.

34. L-għaqda tal-pieni inizjali tikkonsisti f'li tiġi imposta piena unika li l-quantum tagħha jikkorrispondi għall-piena inizjali prevista għar-reat issanzjonat l-iktar li b'hekk ser "tassorbi" il-pieni inizjali previsti għar-reati l-oħra, ikkunsidrati bħala inklużi fil-piena l-iktar ħarxa. Il-persuna kkundannata ser tiskonta biss din il-piena. Din hija finzjoni legali li tippermetti li jitqies li l-pieni kollha huma eżegwiti b'mod konkomitanti u simultanju. L-għaqda tal-pieni tippermetti, għalhekk, li jiġi evitat il-kumulu pur u sempliċi tal-pieni inizjali, jew kumulu materjali, li jikkonsisti f'li jiġu imposti l-pieni kollha marbuta ma' kull reat konkorrenti, u għalhekk dawn jiġu eżegwiti separatament u b'mod kumulattiv. Din l-għaqda tista' tingħata meta jiġu ssanzjonati diversi reati fil-kuntest ta' proċedura unika, permezz ta' sentenza ta' kundanna, jew inkella fil-kuntest ta' proċeduri distinti, f'istanza bħalma hija s-sentenza globali.

35. Billi tevita l-għadd matematiku tagħhom, l-għaqda tal-pieni hija mekkaniżmu li jippermetti li jitnaqqas it-tul tal-pieni li għandha finalment tiskonta persuna li wettqet diversi reati konkorrenti u li, konsegwentement, ġiet ikkundannata diversi drabi. Dan il-mekkaniżmu b'hekk jikkoreġi l-effetti potenzjalment kuntrarji li jista' jkollu l-kumulu tal-pieni għall-prinċipju ta' proporzjonalità. Huwa bbażat fuq l-idea li kumulu purament matematiku jmur kontra waħda mill-funzjonijiet prinċipali tal-piena fis-sistema repressiva moderna, jiġifieri li jiffavorixxi l-integrazzjoni soċjali mill-ġdid tal-persuni kkundannati. Dan huwa l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-individwalizzazzjoni tal-piena li, għall-kuntrarju tas-sempliċi kumulu matematiku tal-pieni mogħtija, jippermetti li jittieħed inkunsiderazzjoni l-aġir tal-persuna kkundannata, il-personalità tagħha kif ukoll is-sitwazzjoni materjali, tal-familja u dik soċjali

tagħha [6].

36. Għalhekk jista' jidher li jkun neċessarju li jiġu kkoreġuti l-effetti negattivi tal-kumulu fl-istadju tal-eżekuzzjoni tal-pieni. Il-qrati kriminali għandhom iżommu, f'dan ir-rigward, il-libertà ta' evalwazzjoni tagħhom sabiex, fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-pieni li jkunu ngħataw matul proċeduri separati, jintlaħaq il-bilanċ bejn repressjoni effikaċi u l-għan tal-integrazzjoni soċjali mill-ġdid tal-persuni kkundannati. F'dan l-istadju, ma hijiex iktar kwistjoni li jiġi evalwat jekk il-persuna akkużata li wettqet reat hijiex ħatja jew le u, fl-affermattiv, liema hija l-piena adattata għall-aġir ikkritikat. Fil-kuntest ta' proċedura ta' għaqda tal-pieni li sseħħ fl-istadju tal-eżekuzzjoni tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru wieħed, ir-rwol tal-qorti jikkonsisti fid-determinazzjoni ta' piena totali li ma tostakolax ir-rekwiżit ta' repressjoni effikaċi u, permezz tal-individwalizzazzjoni neċessarja, tosserva kemm il-prinċipju ta' proporzjonalità tal-pieni kif ukoll il-funzjoni ta' integrazzjoni soċjali mill-ġdid tal-piena. Il-qorti għandha għalhekk diskrezzjoni peress li hija għandha tiddetermina l-quantum tal-piena globali. F'dan ir-rigward, l-evalwazzjoni tagħha tista' tiddependi fuq kriterji differenti, fosthom iċ-ċirkustanzi tal-kawżi li taw lok għad-diversi kundanni, il-personalità tal-awtur kif ukoll in-natura, in-numru u l-gravità tar-reati.

37. Meta d-dritt nazzjonali jipprevedi proċedura ta' għaqda tal-pieni, ir-rwol tal-qorti għandu jitwettaq, kemm jekk il-proċeduri kriminali jkunu ġew immexxija fi Stat Membru wieħed jew f'diversi, skont ir-regoli u l-limiti stabbiliti mid-Deċiżjoni Qafas 2008/675. Il-qorti adita b'talba għall-għaqda tal-pieni hija għalhekk suġġetta għal restrizzjoni partikolari stabbilita fl-Artikolu 3(3) ta' din id-deċiżjoni qafas, jiġifieri li d-deċiżjoni ta' kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor ma għandhiex tiġi affettwata mid-deċiżjoni li hija għandha tieħu.

B. Il-proċedura ta' sentenza globali

38. L-għoti ta' piena globali jikkostitwixxi t-teknika ġuridika użata fl-ordinament ġuridiku Pollakk sabiex tiġi ttrattata sitwazzjoni ta' konkorrenza reali ta' delitti, ta' reati u ta' reati fiskali.

39. Il-piena globali tirriżulta fil-forma ta' piena speċjali mogħtija wara deċiżjonijiet dwar il-ħtija ta' persuna fir-rigward ta' diversi reati u dwar il-pieni imposti fuq kull wieħed minnhom (il-pieni inizjali). Din għandha tiġi deċiża mill-qorti adita fir-rigward tal-pieni inizjali. L-għoti ta' piena globali huwa suġġett għall-kundizzjoni li l-pieni inizjali inkwistjoni jkunu eżegwibbli u jkunu għadhom ma ġewx eżegwiti fl-intier tagħhom. Konsegwentement, piena diġà eżegwita fl-intier tagħha ma tistax tingħaqad ma' pieni oħra sabiex tingħata piena globali.

40. Hija l-qorti adita li għandha tevalwa l-quantum tal-piena globali, fil-limiti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u skont iċ-ċirkustanzi bħal, b'mod partikolari, l-istat ta' saħħa u l-aġir tal-persuna kkonċernata kif ukoll il-prossimità bejn ir-reati fil-livell materjali, temporali u personali.

[6] Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Beshkov (C-171/16, EU:C:2017:386), li fihom dan jindika li "[l]-għadd matematiku tal-pieni imposti kollha għall-atti mwettqa matul perijodu ta' żmien li fih l-ebda twissija u lanqas teħid ta' responsabbiltà ma seħħew jista' normalment jidher sproporzjonat fil-konfront tal-personalità tad-delinkwent u taċ-ċirkustanzi tat-twettiq tal-atti u għaldaqstant inġusta. Meta tkun inġusta, il-piena twassal b'mod iktar żgur għall-irvell, u għaldaqstant għar-reċidiva, iktar milli għal bidla. Minn dan hija ġġustifikata s-setgħa mogħtija lill-qorti, fil-qasam tagħha tal-evalwazzjoni tal-individwalizzazzjoni neċessarja, u skont il-limiti imposti mil-liġi, li tgħaqqad flimkien bl-aħjar mod is-sanzjonijiet li japplikaw għar-reati mwettqa matul dan il-perijodu tal-ħajja ta' delinkwent" (punt 49).

41. Meta diversi reati jkunu taw lok għal diversi proċeduri, piena globali tista' tingħata fil-kuntest ta' proċedura ġdida li twassal għal sentenza globali, abbażi tal-pieni inizjali imposti mid-diversi deċiżjonijiet ta' kundanna. Din il-proċedura hija ġġustifikata mill-fatt li l-awtur ta' diversi reati li huma s-suġġett ta' diversi proċeduri ma għandux ikun żvantaġġat meta mqabbel ma' dak li r-reati tiegħu jkunu ġġudikati fil-kuntest ta' proċedura waħda. L-għoti ta' sentenza globali jippermetti għalhekk li tiġi stabbilita mill-ġdid l-ugwaljanza fit-trattament bejn dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet. Barra minn hekk, l-għan tas-sentenza globali jikkonċerna biss id-determinazzjoni ta' piena globali u mhux il-ħtija tal-persuna.

42. Din il-kawża tikkonċerna s-sitwazzjoni li fiha l-proċedura ta' sentenza globali tirrigwarda pieni mogħtija, waħda, minn qorti Pollakka u, l-oħra, minn qorti ta' Stat Membru ieħor. Issa, kif indikajt preċedentement, l-applikazzjoni magħquda tal-Artikolu 85(4) u tal-Artikolu 114 tal-Kodiċi Kriminali tidher li teskludi l-possibbiltà li jiġu applikati dispożizzjonijiet dwar il-piena globali għad-deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati ta' Stati Membri oħra. Minn dan isegwi li, skont id-dritt Pollakk biss, il-pieni inizjali imposti mill-qrati ta' Stati Membri oħra għandhom jiġu eżegwiti b'mod kumulattiv ma' dawk mogħtija minn qrati Pollakki. Abbażi biss tad-dritt Pollakk, persuna kkundannata fi Stat Membru ieħor, li l-eżekuzzjoni tal-piena tagħha tiġi ttrasferita lill-Polonja konformement mad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, ma tistax għalhekk tinvoka r-regoli nazzjonali dwar is-sentenza globali u dwar l-għoti ta' piena globali, iżda għandha teżegwixxi din il-piena b'mod kumulattiv ma' dawk mogħtija fil-konfront tagħha fil-Polonja u mhux b'mod konkomitanti permezz ta' piena globali.

43. Id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma dwar jekk l-approċċ hekk adottat fid-dritt Pollakk huwiex kompatibbli mar-regoli stabbiliti kemm mid-Deċiżjoni Qafas 2008/675 kif ukoll mid-Deċiżjoni Qafas 2008/909. B'mod iktar preċiż, meta l-eżekuzzjoni ta' kundanna mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor tiġi ttrasferita lill-Istat Membru li fih tiżvolġi l-proċedura ta' sentenza globali, kif għandhom jiġu ttrattati r-regoli stabbiliti mid-Deċiżjoni Qafas 2008/675 u mid-Deċiżjoni Qafas 2008/909? Il-qorti li għandha tieħu konjizzjoni tal-proċedura ta' sentenza globali hija obbligata, skont id-dritt tal-Unjoni, li tieħu inkunsiderazzjoni l-kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor għall-finijiet tal-istabbiliment ta' piena globali, bħalma hija tagħmel li kieku din kienet kundanna nazzjonali?

44. Infakkar li, fil-kuntest tal-proċedura ta' sentenza globali li biha hija adita l-qorti tar-rinviju, ġie stabbilit li s-sentenza mogħtija fil-15 ta' Frar 2017 mil-Landgericht Lüneburg (il-Qorti Reġjonali ta' Lüneburg), li kkundannat lil AV għal piena ta' priġunerija, ġiet irrikonoxxuta għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tagħha fil-Polonja permezz ta' digriet tal-qorti tar-rinviju tat-12 ta' Jannar 2018 u qiegħda tiġi eżegwita hemmhekk sad-29 ta' Novembru 2021. Il-proċedura ta' sentenza globali li tkopri din il-kundanna nbdiet fuq talba ta' AV fil-31 ta' Lulju 2018. Hija wkoll eżekuttiva l-kundanna mogħtija mill-qorti tar-rinviju permezz ta' sentenza tal-24 ta' Frar 2010, li AV għandu jiskonta mid-29 ta' Novembru 2021 sat-30 ta' Marzu 2030. Barra minn hekk, dik il-qorti tindika li diġà tat, fl-2014, sentenza globali li tkopri, b'mod partikolari, piena ta' priġunerija mogħtija minn qorti Ġermaniża oħra u eżegwita fil-Polonja. Sadanittant, din is-sentenza globali saret definittiva.

45. Kif indikajt preċedentement, f'dak li jikkonċerna l-proċedura ta' sentenza globali prevista mid-dritt Pollakk, il-qorti tar-rinviju tispjega li s-sentenza li ttemm din il-proċedura tinsab fil-fruntiera bejn sentenza fuq il-mertu u l-eżekuzzjoni tal-piena u li din tkopri pieni mogħtija f'sentenzi li saru definittivi, bl-għan li "tikkoreġi" ir-reazzjoni legali għar-reati mwettqa, li setgħu kienu s-suġġett ta' proċedura unika, u, għalhekk, li "tirrazzjonalizza l-pieni", mingħajr ma

s-sentenza globali tikkostitwixxi ndħil fis-sentenzi individwali kkonċernati. B'mod partikolari, skont il-qorti tar-rinviju, is-sentenza globali ma tippreġudikax id-determinazzjoni tal-ħtija tal-awtur ta' reat partikolari, kif ġiet deċiża fis-sentenza fuq il-mertu.

46. F'dan ir-rigward, mis-sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek [7], jirriżulta li l-proċedura ta' sentenza globali ma taffettwax id-dikjarazzjoni ta' ħtija magħmula mid-deċiżjonijiet preċedenti, peress li din saret definittiva [8]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali sentenza tbiddel il-quantum tal-piena jew tal-pieni imposti [9]. Għalhekk għandha ssir distinzjoni bejn proċedura ta' dan it-tip, li hija relatata mad-determinazzjoni tal-livell ta' pieni ta' priġunerija, u l-miżuri relatati mal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni ta' dawn il-pieni [10].

47. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat ukoll li tali proċedura, li tikkonsisti b'mod partikolari li tikkonverti f'piena ġdida unika waħda jew iktar pieni mogħtija preċedentement kontra l-persuna kkonċernata, twassal neċessarjament għal riżultat iktar favorevoli għal din tal-aħħar. Fil-fatt, bħala riżultat ta' diversi kundanni, li kull waħda minnhom kienet tinvolvi l-impożizzjoni ta' piena, il-pieni mogħtija jistgħu jiġu akkumulati sabiex tinkiseb piena globali li l-quantum tagħha huwa inqas mis-somma tal-pieni differenti imposti bid-deċiżjonijiet distinti preċedenti [11]. Is-sentenza globali prevista fid-dritt Pollakk tmur lil hinn minn "eżerċizzju purament formali u aritmetiku" u tirrikonoxxi setgħa diskrezzjonali lill-qorti kompetenti għad-determinazzjoni tal-piena globali [12].

48. Nenfasizza li l-proċedura ta' sentenza globali taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri. Madankollu, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn l-Istati Membri huma obbligati li jeżerċitaw din il-kompetenza b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni [13]. Għaldaqstant, l-Istati Membri li jiddeċiedu li jipprevedu, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, tali proċedura għandhom josservaw id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-istrumenti adottati fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, bħad-Deċiżjonijiet Qafas 2008/675 u 2008/909. L-ispirtu stess tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jwassal għal dubju dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tillimita t-teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti, fil-kuntest ta' proċedura ta' sentenza globali, biss għall-kundanni mogħtija mill-qrati ta' dan l-Istat Membru.

C. L-applikabbiltà tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675

49. Id-Deċiżjoni Qafas 2008/675, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) u mill-Artikolu 3(1) tagħha, tistabbilixxi obbligu minimu impost fuq l-Istati Membri li jieħdu inkunsiderazzjoni kundanni kriminali mogħtija fi Stati Membri oħra sabiex jagħtuhom effetti ekwivalenti għal dawk attribwiti lil kundanni nazzjonali preċedenti skont id-dritt intern. L-għan huwa li tiġi permessa l-evalwazzjoni tal-passat kriminali tal-persuna kkonċernata fil-każ ta' proċedura kriminali ġdida mibdija kontriha għal fatti differenti.

7 C-271/17 PPU, EU:C:2017:629.

8 Sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek (C-271/17 PPU, EU:C:2017:629, punt 84).

9 Sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek (C-271/17 PPU, EU:C:2017:629, punt 85).

10 Idem.

11 Sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek (C-271/17 PPU, EU:C:2017:629, punt 86).

12 Sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek (C-271/17 PPU, EU:C:2017:629, punt 88).

13 Ara, b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Novembru 1998, Bickel u Franz (C-274/96, EU:C:1998:563, punt 17). Ara, ukoll, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Ruska Federacija (C-897/19 PPU, EU:C:2020:262, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50. Ċertament, id-Deċiżjoni Qafas 2008/675 ma hijiex intiża sabiex teżegwixxi, fi Stat Membru, deċiżjonijiet ġudizzjarji mogħtija fl-Istati Membri l-oħra, kif tindika l-premessa 6 tagħha.

51. Madankollu, huwa ċar li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-kundanni preċedenti jista' jseħħ fl-istadju tal-eżekuzzjoni tagħhom.

52. Dan jirriżulta mis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Beshkov [14].

53. Fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Deċiżjoni Qafas 2008/675 għandha tiġi interpretata fis-sens li hija applikabbli għal proċedura nazzjonali intiża sabiex timponi, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni, piena ta' priġunerija totali billi tieħu inkunsiderazzjoni l-piena imposta fuq persuna mill-qorti nazzjonali kif ukoll dik imposta fil-kuntest ta' kundanna preċedenti mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor kontra l-istess persuna għal fatti differenti [15].

54. Insostenn ta' din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, qabelxejn, irrilevat li l-Artikolu 1(1) ta' din id-deċiżjoni qafas jipprevedi li din għandha l-għan li tiddetermina l-kundizzjonijiet li fihom il-kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru fil-konfront ta' persuna għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-każ ta' proċedura kriminali ġdida mibdija fi Stat Membru ieħor kontra din l-istess persuna u għal fatti differenti [16].

55. Għal dan l-għan, l-Artikolu 3(1) tal-imsemmija deċiżjoni qafas, moqri fid-dawl tal-premessa 5 tagħha, jistabbilixxi fir-rigward tal-Istati Membri l-obbligu li jiżguraw li, f'dan il-każ, il-kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor, li fir-rigward tagħhom tkun inkisbet informazzjoni permezz ta' strumenti applikabbli fil-qasam ta' assistenza ġudizzjarja reċiproka jew ta' skambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali, minn naħa, jittieħdu inkunsiderazzjoni sa fejn il-kundanni nazzjonali preċedenti huma meħuda inkunsiderazzjoni fid-dritt nazzjonali u, min-naħa l-oħra, jiġu attribwiti lilhom effetti ekwivalenti għal dawk marbuta ma' dawn il-kundanni tal-aħħar konformement ma' dan id-dritt, u dan fis-sens ta' effetti fattwali jew ta' dritt proċedurali jew sostantiv [17].

56. Il-Qorti tal-Ġustizzja, sussegwentement, ikkonstatat li l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 jispeċifika li dan l-obbligu għandu japplika fl-istadju ta' qabel il-proċedura kriminali, fl-istadju tal-proċedura kriminali nnifisha u fl-istadju tal-eżekuzzjoni tal-kundanna, partikolarment fir-rigward tar-regoli ta' proċedura applikabbli, inklużi dawk relatati mal-klassifikazzjoni tar-reat, it-tip u l-livell tal-piena involuta, kif ukoll ir-regoli li jirregolaw l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni. B'hekk, il-premessi 2 u 7 ta' din id-deċiżjoni qafas jipprovdu li l-qorti nazzjonali għandha tkun f'pożizzjoni li tieħu inkunsiderazzjoni kundanni mogħtija fl-Istati Membri l-oħra *inter alia* sabiex tiddetermina l-modalitajiet ta' eżekuzzjoni li jistgħu jiġu implimentati u li l-effetti attribwiti lil dawn il-kundanni għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk attribwiti lid-deċiżjonijiet nazzjonali għal kull wieħed minn dawn l-istadji tal-proċedura [18].

57. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li d-Deċiżjoni Qafas 2008/675 ma tapplikax biss għall-proċeduri marbuta mad-determinazzjoni u mal-istabbiliment tal-ħtija eventwali tal-persuna akkużata, iżda wkoll għal dawk relatati mal-eżekuzzjoni tal-piena li għalihom għandha tittieħed

[14] C-171/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Beshkov", EU:C:2017:710.

[15] Ara s-sentenza Beshkov (punt 29).

[16] Ara s-sentenza Beshkov (punt 25).

[17] Ara s-sentenza Beshkov (punt 26).

[18] Ara s-sentenza Beshkov (punt 27).

inkunsiderazzjoni l-piena imposta minn deċiżjoni ta' kundanna mogħtija preċedentement fi Stat Membru ieħor. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, f'dan ir-rigward, li, f'dan il-każ, il-proċedura ta' impożizzjoni ta' piena totali mibdija minn Trayan Beshkov kienet taqa' taħt din it-tieni kategorija, b'tali mod li kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni qafas [19].

58. Minn dak li ntqal jirriżulta, b'mod partikolari, li l-imsemmija deċiżjoni qafas hija intiża, bħala prinċipju, għal sitwazzjonijiet li fihom inbdiet proċedura kriminali ġdida kontra persuna kkundannata preċedentement fi Stat Membru ieħor. Dan il-kunċett ta' "proċedura kriminali ġdida" jinkludi l-istadju ta' qabel il-proċedura kriminali, il-proċedura kriminali nnifisha u l-eżekuzzjoni tal-kundanna [20].

59. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, u bħalma ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Beshkov, hemm lok li jiġi rrilevat li d-determinazzjoni tal-piena globali fil-kuntest ta' proċedura ta' sentenza globali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali sseħħ fl-istadju relatat mal-eżekuzzjoni tal-kundanni, b'tali mod li din id-deċiżjoni qafas hija applikabbli waqt l-implimentazzjoni ta' tali proċedura. Huwa fil-kuntest ta' din il-proċedura nazzjonali li hija intiża sabiex tiddetermina, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni, il-quantum ta' piena ta' priġunerija totali li tqum il-kwistjoni dwar jekk għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-piena imposta permezz ta' deċiżjoni ta' kundanna mogħtija preċedentement fi Stat Membru ieħor.

60. Barra minn hekk, għalkemm, skont il-premessa 6 tagħha, id-Deċiżjoni Qafas 2008/675 "ma timmirax għall-eżekuzzjoni fi Stat Membru wieħed ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji meħuda fi Stati Membri oħrajn", f'din id-deċiżjoni qafas ma nara l-ebda indikazzjoni li t-teħid inkunsiderazzjoni, mill-qrati ta' Stat Membru, tal-kundanni mogħtija fi Stati Membri oħra ma japplikax għal kundanna li l-eżekuzzjoni tagħha tkun ġiet ittrasferita lil dan l-Istat Membru, konformement mad-Deċiżjoni Qafas 2008/909. Fil-fatt, kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jeskludi din is-sitwazzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, huwa kien jindika dan espressament. Issa, il-premessa 14 ta' din id-deċiżjoni qafas, li ser nerġa' niġi għaliha iktar 'il quddiem, tesprimi għall-kuntrarju l-intenzjoni ta' dan il-leġiżlatur li jinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni qafas is-sitwazzjoni fejn ikun hemm trasferiment ta' eżekuzzjoni ta' kundanna lil Stat Membru differenti mill-Istat ta' kundanna.

61. Peress li l-applikabbiltà tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 għal proċedura bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet, fil-fehma tiegħi, miksuba, issa għandu jiġi vverifikat jekk din id-deċiżjoni qafas tipprekludix it-teħid inkunsiderazzjoni, fil-kuntest ta' proċedura ta' sentenza globali mibdija fil-Polonja, ta' kundanna preċedenti li ngħatat fi Stat Membru ieħor u li l-eżekuzzjoni tagħha ġiet ittrasferita lill-Polonja jew, għall-kuntrarju, timponihx.

D. Il-kompatibbiltà tal-proċedura ta' sentenza globali mad-Deċiżjoni Qafas 2008/675

62. Il-premessa 2 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 tipprovdi li din hija intiża sabiex timplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fil-qasam kriminali, stabbilit fl-Artikolu 82(1) TFUE, li ssostitwixxa l-Artikolu 31 UE li abbażi tiegħu ġiet adottata din id-deċiżjoni qafas. Kif tindika l-premessa 3 tagħha, l-imsemmija deċiżjoni qafas "[hija intiża sabiex i]kun stabbilit obbligu minimu għall-Istati Membri biex jieħdu in konsiderazzjoni kundanni mogħtija fi Stati Membri oħrajn".

[19] Ara s-sentenza Beshkov (punt 28).

[20] Ara s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2018, Lada (C-390/16, EU:C:2018:532, punt 30).

63. Fil-każ fejn jitmexxu diversi proċeduri kriminali f'diversi Stati Membri kontra l-istess persuna għal fatti differenti, wieħed mill-prinċipji fundamentali tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 huwa li, skont il-premessa 8 tagħha, "għandu jiġi evitat kemm jista' jkun li l-persuna kkonċernata tiġi ttrattata b'mod anqas favorevoli milli kieku l-kundanna preċedenti kienet kundanna nazzjonali".

64. Sabiex isir dan, il-prinċipju stabbilit minn din id-deċiżjoni qafas huwa dak ta' teħid inkunsiderazzjoni, fl-Istat Membru fejn titmexxa proċedura kriminali ġdida, tal-kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor, b'osservanza tal-prinċipju ta' ekwivalenza. Madankollu, l-imsemmija deċiżjoni qafas ma hijiex intiża sabiex tarmonizza l-konsegwenzi attribwiti mid-diversi leġiżlazzjonijiet nazzjonali lill-eżistenza ta' kundanni preċedenti.

65. Waqt l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, il-leġiżlatur tal-Unjoni telaq mill-konstatazzjoni, espressa fil-premessa 4, li "[x]i Stati Membri jattribwixxu effetti għal kundanni mogħtija fi Stati Membri oħrajn, waqt li oħrajn jieħdu in konsiderazzjoni biss kundanni mogħtija mill-qrati tagħhom stess".

66. Huwa għal din ir-raġuni li l-premessa 5 ta' din id-deċiżjoni qafas tkompli: "Il-prinċipju li l-Istati Membri għandhom jattribwixxu għal kundanna mogħtija fi Stati Membri oħrajn effetti ekwivalenti għal dawk attribwiti lil kundanna mogħtija mill-qrati tagħhom stess skond id-dritt nazzjonali għandu jiġi affermat, kemm jekk dawk l-effetti huma kkunsidrati mid-dritt nazzjonali bħala kwistjonijiet ta' fatt kif ukoll jekk ta' dritt proċedurali jew sostantiv […]" Il-qorti li għandha tiddeċiedi fil-kuntest ta' proċedura kriminali ġdida għandha għalhekk, skont id-Deċiżjoni Qafas 2008/675, l-obbligu li tattribwixxi lid-deċiżjoni mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor effetti "ekwivalenti għall-effetti ta' deċiżjoni nazzjonali", u dan ukoll waqt "il-ħin ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza"[21].

67. Din id-deċiżjoni qafas għalhekk tistabbilixxi prinċipju ta' assimilazzjoni tal-kundanni mogħtija mill-qrati tal-Istat Membru li fih tiżvolġi proċedura kriminali ġdida – f'dan il-każ, proċedura intiża għall-għoti ta' sentenza globali – mal-kundanni mogħtija mill-qrati ta' Stat Membru ieħor. Dan il-prinċipju ta' assimilazzjoni jwassal sabiex dawn il-kundanni jipproduċu l-istess effetti legali bħal dawk li jirriżultaw mill-kundanni nazzjonali. Għalhekk, il-qorti adita fil-kuntest ta' proċedura kriminali ġdida hija, bħala prinċipju, obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni preċedenti mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor bl-istess mod li hija tieħu inkunsiderazzjoni deċiżjoni mogħtija minn qorti tal-Istat Membru li hija tappartjeni għalih, sabiex tagħtiha l-effetti attribwiti mil-liġi lill-passat kriminali tal-persuna kkundannata.

68. Kif irrileva l-Avukat Ġenerali Bot fil-konklużjonijiet li ppreżenta fil-kawża Beshkov[22], dan ir-rekwiżit "huwa marbut b'mod ċar mar-realizzazzjoni tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u, b'hekk, mar-rikonoxximent reċiproku li mhux biss jimponi t-teħid inkunsiderazzjoni tad-deċiżjoni barranija, iżda wkoll l-osservanza tagħha"[23]. Għalhekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-Deċiżjoni Qafas 2008/675 tikkontribwixxi "għat-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka fiż-żona ta' ġustizzja Ewropea peress li tiffavorixxi kultura ġudizzjarja li fiha l-kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor, fil-prinċipju, jittieħdu inkunsiderazzjoni"[24].

[21] Ara l-premessa 7 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675.

[22] C-171/16, EU:C:2017:386.

[23] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Beshkov (C-171/16, EU:C:2017:386, punt 54), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Lada (C-390/16, EU:C:2018:65, punt 77).

[24] Ara s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2018, Lada (C-390/16, EU:C:2018:532, punt 36).

69. Mal-ewwel daqqa t'għajn, il-leġiżlazzjoni Pollakka tidher li tmur kontra r-rieda hekk murija mil-leġiżlatur tal-Unjoni u tmur kontra l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. Madankollu, għandu jiġi vverifikat jekk, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, l-esklużjoni ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-kundanni kriminali mogħtija minn qrati ta' Stati Membri oħra hijiex konformi mar-regoli stabbiliti mid-Deċiżjoni Qafas 2008/675.

70. Fl-Artikolu 3(3) sa (5) ta' din id-deċiżjoni qafas, il-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa limiti għall-obbligu ta' teħid inkunsiderazzjoni, fil-każ ta' proċeduri kriminali ġodda, ta' kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor konformement mal-prinċipju ta' ekwivalenza.

71. B'mod partikolari, l-Artikolu 3(3) tal-imsemmija deċiżjoni qafas jiddisponi li "[i]t-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti mogħtija fi Stati Membri oħrajn, kif previst fil-paragrafu 1, m'għandux ikollu l-effett li jfixkel, jirrevoka jew jirrevedi kundanni preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' l-eżekuzzjoni tagħhom mill-Istat Membru li jkun qed imexxi l-proċedimenti l-ġodda." Din id-dispożizzjoni tinkludi għalhekk riżerva li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor ma għandux jippreġudika tali deċiżjonijiet. Hija tesprimi l-ħtieġa li tiġi ppreżervata l-awtorità ta' *res judicata* ta' deċiżjonijiet barranin.

72. Għalhekk, meta, fil-kuntest ta' proċedura kriminali ġdida, qorti nazzjonali tieħu inkunsiderazzjoni deċiżjoni barranija preċedenti, hija ma tistax temendaha la f'sens u lanqas f'ieħor. Konformement ma' dan il-prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil, il-qorti adita mill-ġdid ma tistax tmur lura minn dak li ġie deċiż mill-qorti ta' Stat Membru ieħor. Din il-qorti adita mill-ġdid għandha sempliċement tagħti lid-deċiżjoni barranija preċedenti l-konsegwenzi li huwa attribwiti lil deċiżjoni nazzjonali preċedenti, konformement mal-prinċipju ta' ekwivalenza [25]. Fil-qosor, id-deċiżjonijiet ta' kundanna mogħtija preċedentement fl-Istati Membri l-oħra għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni kif ġew mogħtija [26].

73. Huwa b'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha Beshkov, iddeċidiet li "l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-qorti nazzjonali, adita b'talba ta' impożizzjoni, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni, ta' piena ta' priġunerija totali li b'mod partikolari tieħu inkunsiderazzjoni l-piena imposta fil-kuntest ta' kundanna preċedenti ppronunzjata minn qorti ta' Stat Membru ieħor, għandha timmodifika għal dan l-għan il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni ta' din il-piena tal-aħħar" [27].

74. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li "l-qorti nazzjonali ma tistax, skont din l-istess deċiżjoni qafas, teżamina mill-ġdid jew timmodifika l-modalitajiet ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' kundanna mogħtija qabel fi Stat Membru ieħor u diġà eżegwita, b'mod partikolari billi tirrevoka s-sospensjoni tal-piena imposta ta' dik id-deċiżjoni u billi tittrasformaha f'piena ta' priġunerija ferma. Lanqas ma tista' tordna, fuq din il-bażi, eżekuzzjoni ġdida ta' din il-piena hekk modifikata" [28].

[25] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Beshkov (C-171/16, EU:C:2017:386, punti 55 u 56).

[26] Ara s-sentenzi Beshkov (punti 37 u 44) kif ukoll tal-5 ta' Lulju 2018, Lada (C-390/16, EU:C:2018:532, punt 39).

[27] Ara s-sentenza Beshkov (punt 47).

[28] Ara s-sentenza Beshkov (punt 46).

75. Madankollu, fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju 2018, Lada [29], il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, "għalkemm id-Deċiżjoni Qafas 2008/675 tipprekludi eżami mill-ġdid, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tista' twassal għal kwalifika mill-ġdid tar-reat kriminali u għal modifika tal-piena mogħtija fi Stat Membru ieħor, għandu jiġi kkonstatat li din id-deċiżjoni qafas ma tipprekludix li dan l-Istat Membru fejn isseħħ il-proċedura kriminali l-ġdida jista' jispeċifika l-modalitajiet ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti mogħtija f'dan l-Istat Membru ieħor, fejn tali spjegazzjoni jkollha l-uniku għan li jiġi ddeterminat jekk huwiex possibbli li jintrabtu ma' dawn il-kundanni effetti legali ekwivalenti għal dawk attribwiti għall-kundanni nazzjonali preċedenti b'applikazzjoni tad-dritt nazzjonali" [30]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tippermetti li jingħataw effetti legali ekwivalenti lil kundanna preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor, bħal dik imsemmija fil-premessa 13 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, tirrikjedi eżami każ b'każ, fid-dawl ta' sitwazzjoni konkreta. Din il-possibbiltà ma tistax tiġġustifika l-implimentazzjoni ta' proċedura speċjali ta' rikonoxximent fir-rigward tal-kundanni mogħtija fi Stat Membru ieħor, li hija, minn naħa, neċessarja għat-teħid inkunsiderazzjoni tal-imsemmija kundanni matul proċedura kriminali ġdida u, min-naħa l-oħra, li tista' twassal għal riklassifikazzjoni tar-reat imwettaq u tal-piena imposta" [31].

76. Wara li dan ġie ppreċiżat, inqis li, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-Gvern Pollakk u dak Ċek, l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 ma jipprekludix kwalunkwe implimentazzjoni ta' proċedura ta' sentenza globali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Huwa meħtieġ ukoll, fil-fatt, sabiex dan ikun il-każ, li jintwera li t-teħid inkunsiderazzjoni, f'tali kuntest, ta' kundanni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor ikollu l-effett "li jfixkel […] kundanni preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' l-eżekuzzjoni tagħhom". Barra minn hekk, ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tagħha Beshkov, ma ddeċidietx li l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 jipprekludi bħala tali l-proċedura nazzjonali inkwistjoni, iżda biss sa fejn l-implimentazzjoni tagħha, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża li tat lok għal dik is-sentenza, kien ikollha l-konsegwenza li tippreġudika l-integrità tal-kundanna barranija billi tirrevoka s-sospensjoni ta' din il-kundanna.

77. Għandu jiġi ppreċiżat li l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 għandu jinqara flimkien mal-premessa 14 tagħha, li tgħid li "[i]ndħil f'sentenza jew l-eżekuzzjoni tagħha jkopri inter alia sitwazzjonijiet fejn, skond id-dritt nazzjonali tat-tieni Stat Membru, is-sanzjoni imposta f'sentenza preċedenti għandha tiġi assorbita minn jew inkluża f'sanzjoni oħra, li mbagħad għandha tiġi effettivament eżegwita, sal-punt li l-ewwel sentenza ma tkunx diġà ġiet eżegwita jew l-eżekeżekuzzjoni tagħha ma tkunx ġiet trasferita lit-tieni Stat Membru".

78. Jiena nqis, bħalma tindika l-Kummissjoni fir-risposta bil-miktub tagħha għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-qari flimkien tal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 u tal-premessa 14 tagħha ma jeskludix b'mod kategoriku t-teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanni preċedenti mogħtija barra mill-pajjiż fi proċeduri nazzjonali dwar l-impożizzjoni ta' pieni globali, iżda jeżiġi li jiġi eżaminat individwalment jekk l-impożizzjoni ta' piena globali tikkostitwixxix indħil fis-sentenza preċedenti jew fl-eżekuzzjoni tagħha fil-każ ikkonċernat.

79. Kif tirrileva ġustament il-Kummissjoni fir-risposta bil-miktub tagħha għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-premessa 14 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675 hija rilevanti f'żewġ aspetti. L-ewwel nett, din tikkonferma li l-każijiet li fihom tiġi imposta piena globali ma

[29] C-390/16, EU:C:2018:532.

[30] Ara s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2018, Lada (C-390/16, EU:C:2018:532, punt 40).

[31] Ara s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2018, Lada (C-390/16, EU:C:2018:532, punt 45).

humiex eskluži bħala tali mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni qafas. It-tieni nett, jista' jiġi dedott minn din il-premessa li l-għoti ta' piena globali huwa ta' natura li jinfluwenza l-kundanna preċedenti jew l-eżekuzzjoni tagħha f'żewġ sitwazzjonijiet, jiġifieri, minn naħa, meta l-ewwel kundanna tkun għadha ma ġietx eżegwita jew, min-naħa l-oħra, meta l-eżekuzzjoni tal-ewwel kundanna ma tkunx ġiet ittrasferita lit-tieni Stat Membru. Fil-fatt, jekk piena għadha trid tiġi skontata fi Stat Membru ieħor, deċiżjoni li tistabbilixxi l-għaqda tal-pieni jkollha impatt fuq l-eżekuzzjoni tal-kundanna preċedenti mogħtija minn qorti ta' dan l-Istat Membru l-ieħor.

80. Mill-banda l-oħra, bħala prinċipju, ma jkunx hemm effett fuq il-kundanna preċedenti jew fuq l-eżekuzzjoni tagħha meta din il-kundanna tkun diġà ġiet eżegwita. Fil-fatt, f'din is-sitwazzjoni, ma jiġix affettwat id-dritt tal-Istat Membru ta' kundanna li jeżegwixxi l-piena mogħtija mill-qrati tiegħu stess, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mid-dritt nazzjonali tiegħu, anki fil-każ fejn Stat Membru ieħor jintalab, fil-każ ta' proċedura kriminali ġdida, jieħu inkunsiderazzjoni din il-kundanna fl-eżerċizzju tas-setgħa ġudizzjarja tiegħu stess.

81. Mingħajr il-kundizzjoni li l-kundanna mogħtija fi Stat Membru trid tkun ġiet kompletament eżegwita, l-għaqda ordnata fi Stat Membru ieħor tista' tkun imposta fuq l-awtoritajiet u l-qrati tal-Istat ta' kundanna fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-pieni mogħtija fih u għalhekk tippreġudika d-dritt ta' dan l-Istat li jiżgura l-eżekuzzjoni fit-territorju tiegħu tal-pieni mogħtija mill-qrati nazzjonali tiegħu. L-għaqda għalhekk ikollha l-effett li tinfluwenza l-eżekuzzjoni ta' tali pieni, li hija ħaġa li tmur kontra l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, moqri fid-dawl tal-premessa 14 tagħha.

82. Madankollu, anki fis-sitwazzjoni fejn deċiżjoni ta' kundanna mogħtija preċedentement fi Stat Membru tkun diġà ġiet eżegwita, il-qorti ta' Stat Membru ieħor, meta tieħu inkunsiderazzjoni tali deċiżjoni ta' kundanna, "ma tistax […] teżamina mill-ġdid jew timmodifika l-modalitajiet ta' eżekuzzjoni" ta' din id-deċiżjoni[32]. Il-preżunzjoni ta' nuqqas ta' influwenza fuq il-kundanna preċedenti jew fuq l-eżekuzzjoni tagħha tista' għalhekk tiġi kkonfutata jekk it-teħid inkunsiderazzjoni ta' dik il-kundanna jwassal, f'każ konkret, sabiex jiġi kkontestat dak li kien ġie deċiż fl-ewwel Stat Membru.

83. Għall-istess raġunijiet bħal dawk prevalenti fl-ipoteżi ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' kundanna preċedenti diġà eżegwita, ma jkunx hemm, bħala prinċipju, effett fuq il-kundanna preċedenti jew fuq l-eżekuzzjoni tagħha fis-sitwazzjoni fejn l-eżekuzzjoni ta' din il-kundanna tkun ġiet ittrasferita mill-Istat ta' kundanna lil Stat Membru ieħor skont ir-regoli previsti mid-Deċiżjoni Qafas 2008/909. Fil-fatt, f'din is-sitwazzjoni, huwa l-ewwel Stat Membru li ddeċieda li jittrasferixxi l-eżekuzzjoni tal-kundanna lit-tieni Stat Membru għaliex ikun, konformement ma' dak li jipprevedi l-Artikolu 4(2) ta' din id-deċiżjoni qafas, ċert li l-eżekuzzjoni tal-kundanna fit-tieni Stat Membru "[t]kun [t]aqdi l-għan li jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna sentenzjata". Peress li l-Istat Membru ta' kundanna jkun ta l-kunsens tiegħu għat-trasferiment tal-eżekuzzjoni tal-piena, ma huwiex ippreġudikat id-dritt ta' dan tal-aħħar li jeżegwixxi fit-territorju tiegħu, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mid-dritt intern tiegħu, id-deċiżjoni ta' kundanna mogħtija mill-qrati nazzjonali tiegħu.

84. Mill-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, moqri fid-dawl tal-premessa 14 tagħha, niddeduċi li, fil-każ fejn kundanna preċedenti tkun diġà ġiet eżegwita jew fejn l-eżekuzzjoni tagħha tkun ġiet ittrasferita lill-Istat Membru li qorti tiegħu jkollha l-intenzjoni li tagħti sentenza

[32] Ara s-sentenza Beshkov (punt 46). Għaldaqstant, il-qorti nazzjonali tat-tieni Stat Membru ma tistax tirrevoka s-sospensjoni tal-piena imposta permezz tad-deċiżjoni ta' kundanna mogħtija preċedentement fi Stat Membru ieħor u diġà eżegwita, billi tittrasformaha f'piena ta' priġunerija taħt kundizzjonijiet ristretti.

li timponi piena globali, id-determinazzjoni ta' din il-piena globali ma hijiex, fiha nnifisha, ta' natura li tinfluwenza tali kundanna preċedenti jew l-eżekuzzjoni tagħha. Għaldaqstant, mill-Artikolu 3(3) ta' din id-deċiżjoni qafas ma tistax tiġi dedotta projbizzjoni, bħala prinċipju, għall-qorti nazzjonali adita fil-kuntest ta' proċedura kriminali ġdida milli tagħti sentenza globali li tieħu inkunsiderazzjoni kundanna preċedenti imposta minn qorti ta' Stat Membru ieħor.

85. Ladarba tiġi adottata din il-premessa, l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tippermetti li kundanna preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor tingħata effetti legali ekwivalenti għal dawk attribwiti lil kundanna preċedenti mogħtija minn qorti tal-Istat Membru li fih din id-deċiżjoni għandha tiġi adottata, bħal dik imsemmija fil-premessa 13 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, teħtieġ eżami każ b'każ, fid-dawl ta' sitwazzjoni konkreta [33].

86. Peress li l-qorti adita mill-ġdid għandha tiddetermina, konformement mad-dritt nazzjonali tagħha u mal-prinċipju ta' ekwivalenza msemmi fl-Artikolu 3(1) ta' din id-deċiżjoni qafas, liema piena globali għandha tiġi stabbilita abbażi tal-kundanni mogħtija f'diversi Stati Membri, hija għandha tivverifika jekk l-għoti ta' tali piena globali jistax jinfluwenza kundanna preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor. Dan l-eżami għandu jsir każ b'każ sabiex jiġi osservat il-prinċipju ta' nuqqas ta' ndħil stabbilit fl-Artikolu 3(3) tal-imsemmija deċiżjoni qafas.

87. F'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-proċedura intiża sabiex tingħata piena globali ma jidhirlix li tippreġudika l-eżekuzzjoni tal-piena inizjali mogħtija fil-Ġermanja.

88. Infakkar, f'dan ir-rigward, li, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, is-sentenza tal-Landgericht Lüneburg (il-Qorti Reġjonali ta' Lüneburg) tal-15 ta' Frar 2017 ġiet irrikonoxxuta għall-eżekuzzjoni tagħha fil-Polonja permezz ta' digriet tas-Sąd Okręgowy w Gdańsku (il-Qorti Reġjonali ta' Gdańsk) tat-12 ta' Jannar 2018. F'dan id-digriet, il-klassifikazzjoni legali tal-atti ġiet stabbilita konformement mad-dritt Pollakk u ġie indikat li l-piena globali ta' priġunerija ta' ħames snin u tliet xhur kienet eżekuttiva. Din hija piena identika, fir-rigward tat-tul tagħha, għall-piena mogħtija permezz tas-sentenza tal-Landgericht Lüneburg (il-Qorti Reġjonali ta' Lüneburg).

89. Hija għalhekk il-piena ta' priġunerija, kif ingħatat permezz tas-sentenza tal-Landgericht Lüneburg (il-Qorti Reġjonali ta' Lüneburg), li ser tiġi eżegwita fil-Polonja. Kif ġie spjegat mill-qorti tar-rinviju, it-talba intiża għall-għoti ta' sentenza globali tikkonsisti f'li din is-sentenza, li tkopri l-piena ta' priġunerija ta' ħames snin u tliet xhur, tingħata skont il-prinċipju ta' assorbiment assolut. Tali assorbiment ma jaffettwax is-sentenza mogħtija mil-Landgericht Lüneburg (il-Qorti Reġjonali ta' Lüneburg), peress li l-piena imposta għandha tiġi eżegwita kollha kemm hi fil-Polonja. Il-fatt li din il-piena ser tiġi eżegwita b'mod konkomitanti ma' piena oħra imposta minn qorti Pollakka ma jaffettwax, fih innifsu, il-kontenut u l-effikaċja tas-sentenza mogħtija mil-Landgericht Lüneburg (il-Qorti Reġjonali ta' Lüneburg).

90. Fil-fehma tiegħi, l-għoti ta' sentenza globali li tkopri l-piena mogħtija mis-Sąd Okręgowy w Gdańsku (il-Qorti Reġjonali ta' Gdańsk) fl-24 ta' Frar 2010 u l-piena mogħtija mil-Landgericht Lüneburg (il-Qorti Reġjonali ta' Lüneburg), sa fejn din tassorbi din l-aħħar piena mingħajr ma taffettwaha, ma jmurx kontra r-regoli previsti mid-Deċiżjoni Qafas 2008/675.

91. Madankollu, sabiex tkun kompatibbli mal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, huwa importanti li l-proċedura ta' sentenza globali ma jkollhiex l-effett li telimina l-kundanna preċedenti sabiex jiġu ppreżervati l-eżistenza tagħha u l-integrità tagħha. Fil-fatt, l-għaqda

[33] Ara s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2018, Lada (C-390/16, EU:C:2018:532, punt 45).

tal-pieni għandu jkollha l-konsegwenza mhux li tneħħi l-eżistenza nnifisha tal-pieni magħquda, l-awtonomija tagħhom u l-konsegwenzi legali tagħhom, iżda li jiġi deċiż li l-eżekuzzjoni tagħhom ser isseħħ b'mod simultanju ma' dik tal-piena l-iktar ħarxa. Minn dan isegwi li jekk il-piena li tassorbi tispiċċa, il-piena assorbita xorta għandha tkun tista' tiġi eżegwita hekk kif kienet mogħtija.

92. Fil-qosor, il-proċedura ta' sentenza globali, sabiex tkun kompatibbli mal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, għandha tosserva d-deċiżjoni barranija kollha kemm hi u tippreżerva s-sovranità tal-qorti li tatha, mingħajr ma tiġi ppreġudikata l-awtorità ta' *res judicata* attribwita lil tali deċiżjoni barranija [34]. F'dan ir-rigward, sentenza globali taffettwa d-deċiżjoni ta' kundanna mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor jekk twassal għall-għoti ta' piena globali inqas mill-piena inizjali li tirriżulta minn tali deċiżjoni, li jkun kuntrarju għal dak li tipprevedi din id-dispożizzjoni [35].

93. Il-Gvern Ċek isostni li l-għoti ta' sentenza globali li tkopri kundanna preċedenti imposta fi Stat Membru ieħor tikkostitwixxi neċessarjament att li jinfluwenza tali kundanna. Fil-fatt, skont dan l-Istat Membru, tali sentenza timplika, essenzjalment, ir-revoka tad-deċiżjoni inizjali, l-irtirar tal-effetti li jirriżultaw minn kundanna preċedenti u l-assorbiment tagħhom permezz tal-piena globali l-ġdida imposta.

94. Bl-istess mod, il-Gvern Pollakk jindika li l-essenza ta' sentenza globali tinsab fil-fatt li l-adozzjoni tagħha għandha l-effett li tannulla s-sentenzi li huma akkumulati fil-kuntest ta' din is-sentenza globali. Skont dan l-Istat Membru, dan ifisser li s-sentenzi ta' kundanna hekk akkumulati fil-kuntest ta' sentenza globali ma jibqgħux jeżistu fl-ordinament ġuridiku, li huwa espliċitament ipprojbit mill-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675.

95. Fid-dawl ta' dawn l-allegazzjonijiet, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-għoti ta' sentenza globali għandux l-effett li jirrevoka l-kundanna preċedenti fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675.

96. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti niddeduċi li l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/675, moqri fid-dawl tal-premessa 14 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix, bħala prinċipju, li qorti ta' Stat Membru tieħu inkunsiderazzjoni, fil-każ ta' proċedura kriminali ġdida li tikkonsisti fi proċedura ta' sentenza globali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kundanna preċedenti mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor u li l-eżekuzzjoni tagħha tkun ġiet ittrasferita lill-Istat Membru fejn tiżvolġi din il-proċedura, konformement mar-regoli previsti mid-Deċiżjoni Qafas 2008/909. Madankollu, hija l-qorti li quddiemha tiżvolġi proċedura ta' sentenza globali li għandha tivverifika, wara eżami każ b'każ, skont is-sitwazzjoni konkreta, li tali proċedura la għandha l-effett li tinfluwenza dawn il-kundanni preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-eżekuzzjoni tagħhom fl-Istat Membru fejn tiżvolġi l-imsemmija proċedura, la li tirrevokahom, u lanqas li teżaminahom mill-ġdid. B'mod partikolari, l-implimentazzjoni ta' proċedura ta' sentenza globali ma għandha twassal la sabiex tiġi imposta piena globali li hija inqas mill-piena inizjali li tirriżulta mid-deċiżjoni ta' kundanna mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor, u lanqas għall-annullament tal-effetti ta' din id-deċiżjoni.

[34] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Beshkov (C-171/16, EU:C:2017:386, punt 70).

[35] Peress li r-repressjoni ta' ċerti reati tkun iktar jew inqas severa skont l-Istati Membri, il-proċedura ta' sentenza globali ma għandhiex twassal sabiex tissostitwixxi l-politika kriminali tal-Istat Membru li fih titmexxa din il-proċedura għal dik segwita fl-Istat Membru fejn kienet ingħatat il-kundanna preċedenti.

97. Il-kompatibbiltà tal-implimentazzjoni ta' tali proċedura ta' sentenza globali mad-dritt tal-Unjoni madankollu tippreżumi, f'kuntest bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża, jiġifieri t-trasferiment tal-eżekuzzjoni ta' kundanna lil Stat Membru differenti minn dak li fih din kienet ingħatat, li jiġi vverifikat jekk din il-proċedura tmur kontra r-regoli stabbiliti mid-Deċiżjoni Qafas 2008/909. B'mod partikolari, għandu jiġi żgurat li jiġu osservati l-kundizzjonijiet u l-limiti għall-adattament ta' tali kundanna, li jinsabu f'din id-deċiżjoni qafas.

E. Il-kompatibbiltà tal-proċedura ta' sentenza globali mad-Deċiżjoni Qafas 2008/909

98. F'din il-parti, ser ikolli nivverifika jekk id-Deċiżjoni Qafas 2008/909 tinkludix limiti għall-implimentazzjoni ta' proċedura ta' sentenza globali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

99. Fil-fatt, peress li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija dik ta' trasferiment tal-eżekuzzjoni lil Stat Membru ta' kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor, imwettaq konformement ma' din id-deċiżjoni qafas, għandu jiġi vverifikat jekk il-proċedura ta' sentenza globali hijiex kompatibbli mar-regoli previsti mill-imsemmija deċiżjoni qafas. Barra minn hekk, dan huwa l-għan tat-tieni domanda preliminari.

100. Fid-Deċiżjoni Qafas 2008/909 ma nsib l-ebda indikazzjoni li l-implimentazzjoni fl-Istat ta' eżekuzzjoni ta' proċedura ta' sentenza globali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija eskluża għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena mogħtija fl-Istat ta' kundanna. Għall-kuntrarju, meta r-regoli previsti minn din id-deċiżjoni qafas jiġu osservati u sa fejn id-dritt tal-Istat ta' eżekuzzjoni jipprevedi dan għall-kundanni nazzjonali, it-trasferiment lil dan l-Istat Membru tal-eżekuzzjoni ta' piena mogħtija fi Stat Membru ieħor għandu jkun akkumpanjat minn implimentazzjoni sħiħa tal-obbligu li din il-piena tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' proċedura ta' sentenza globali fl-Istat ta' eżekuzzjoni.

101. B'differenza mid-Deċiżjoni Qafas 2008/675, li ma hijiex intiża, kif tindika l-premessa 6 tagħha, għall-eżekuzzjoni fi Stat Membru ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji mogħtija fi Stati Membri oħra, id-Deċiżjoni Qafas 2008/909 tipprevedi li l-kompetenza fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' piena mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi ttrasferita lil Stat Membru ieħor.

102. Din id-deċiżjoni qafas, kif jirriżulta mill-premessa 2 tagħha, hija intiża sabiex timplimenta l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji kriminali. Bis-saħħa ta' dan il-prinċipju, meta tittieħed deċiżjoni minn awtorità ġudizzjarja b'mod konformi mad-dritt tal-Istat Membru li fih hija tinsab, hija għandha effett sħiħ u dirett fl-Unjoni kollha, b'tali mod li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha għandhom jassistu fl-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni bħallikieku din tkun ingħatat minn awtorità ġudizzjarja tal-Istat tagħhom stess.

103. Mill-Artikolu 3(1) tal-imsemmija deċiżjoni qafas jirriżulta li din tistabbilixxi r-regoli li jippermettu lil Stat Membru li jirrikonoxxi sentenza u li jeżegwixxi kundanna mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor, bl-għan li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni soċjali mill-ġdid tal-persuna kkundannata.

104. Minn din il-perspettiva, kif jippreċiża l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni tirrikonoxxi s-sentenza li tkun ġiet trażmessa lilha mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti u tieħu mingħajr dewmien il-miżuri kollha neċessarji għall-eżekuzzjoni tal-kundanna li t-tul u n-natura tagħha jikkorrispondu għal dawk previsti

fis-sentenza mogħtija fl-Istat emittenti [36]. Għaldaqstant, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, bħala prinċipju, jipprekludi li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tipproċedi għal adattament tal-kundanna mogħtija mill-awtorità ġudizzjarja emittenti, u dan saħansitra anki jekk l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Istat ta' eżekuzzjoni jkollu jwassal għall-impożizzjoni ta' piena ta' tul jew ta' natura differenti. Kif irrilevat il-Kummissjoni fir-rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, "[b]illi d-Deċiżjonijiet Qafas huma bbażati fuq il-fiduċja reċiproka tas-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri l-oħra, id-deċiżjoni tal-Imħallef fl-Istat emittenti għandha tiġi mħarsa u, fil-prinċipju, ma għandu jkun hemm l-ebda reviżjoni jew adattament ta' din id-deċiżjoni" [37].

105. Madankollu, din ir-regola ma hijiex assoluta. Fil-fatt, l-Artikolu 8(2) sa (4) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jipprevedi kundizzjonijiet stretti għall-adattament, mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni, tal-kundanna mogħtija fl-Istat emittenti. Dawn il-kundizzjonijiet jikkostitwixxu l-uniċi eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' prinċipju li din l-awtorità għandha bis-saħħa tal-Artikolu 8(1) ta' din id-deċiżjoni qafas [38].

106. B'mod partikolari, l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 jippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet, li l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni tadatta l-kundanna mogħtija fl-Istat emittenti jekk it-tul tagħha jkun inkompatibbli mad-dritt tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Fil-fatt, din l-awtorità tista' tiddeċiedi li tadatta tali kundanna biss meta din tkun ogħla mill-piena massima prevista mid-dritt nazzjonali tagħha għal reati tal-istess natura bħal dik li għaliha l-persuna tkun ġiet ikkundannata. It-tul adattat tal-kundanna ma għandux ikun inqas minn dak tal-piena massima prevista mid-dritt tal-Istat ta' eżekuzzjoni għal reati simili. Barra minn hekk, fl-ipoteżi fejn in-natura tal-kundanna mogħtija fl-Istat emittenti tkun inkompatibbli mad-dritt tal-Istat ta' eżekuzzjoni, l-Artikolu 8(3) ta' din id-deċiżjoni qafas jippermetti wkoll lill-awtorità kompetenti ta' dan tal-aħħar li tadatta l-kundanna għall-piena jew għall-miżura prevista mid-dritt tagħha stess għal reati simili, bil-kundizzjoni li l-kundanna adattata tikkorrispondi kemm jista' jkun possibbli mal-kundanna mogħtija fl-Istat emittenti. Din ma tistax tiġi mibdula f'sanzjoni pekunjarja. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 8(4) tal-imsemmija deċiżjoni qafas jippreċiża li l-kundanna adattata ma tistax taggrava l-kundanna mogħtija fl-Istat emittenti f'dak li jirrigwarda n-natura jew it-tul tagħha. Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 12(1) u l-Artikolu 21(e) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, kull deċiżjoni ta' adattament tal-kundanna meħuda skont l-Artikolu 8(2) u (3) tagħha għandha tiġi kkomunikata bil-miktub lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti.

107. F'dan il-każ, u kif indikajt preċedentement, hija l-piena ta' priġunerija ta' ħames snin u tliet xhur, kif ingħatat mil-Landgericht Lüneburg (il-Qorti Reġjonali ta' Lüneburg) fis-sentenza tagħha, li ser tiġi eżegwita fil-Polonja. Mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li l-kundanna mogħtija f'dik is-sentenza għandha tiġi adattata konformement mal-Artikolu 8(2) jew (3) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 sabiex tkun tista' tiġi eżegwita fil-Polonja.

[36] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Novembru 2016, Ognyanov (C-554/14, EU:C:2016:835, punt 36), u tal-11 ta' Jannar 2017, Grundza (C-289/15, EU:C:2017:4, punt 42).

[37] Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-5 ta' Frar 2014 dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Deċiżjonijiet Qafas 2008/909/ĠAI, 2008/947/ĠAI u 2009/829/ĠAI dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi dwar pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà, dwar sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi u dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni provviżorja (COM(2014) 57 final, p. 8).

[38] Kif tindika l-Kummissjoni fir-rapport tagħha ċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti, "[h]uwa importanti li jinstab bilanċ ġust bejn ir-rispett tas-sentenza oriġinarjament mogħtija u t-tradizzjonijiet ġuridiċi tal-Istati Membri sabiex ma jirriżultawx kunflitti li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-funzjonament tad-Deċiżjonijiet Qafas" (p. 8).

108. Fil-fehma tiegħi, l-għoti ta' sentenza globali ma jistax jiġi assimilat ma' "adattament" mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni tal-kundanna mogħtija fl-Istat emittenti, fis-sens tal-Artikolu 8(2) sa (4) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909. Fil-fatt, l-"adattament", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, għandu għan preċiż, li huwa li jippermetti l-eżekuzzjoni ta' din il-kundanna fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni billi jagħmilha kompatibbli mad-dritt nazzjonali ta' dan tal-aħħar. Mill-banda l-oħra, il-proċedura ta' sentenza globali għandha, f'kuntest bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għan totalment differenti, jiġifieri li tiddetermina jekk, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' diversi kundanni li huma r-riżultat ta' proċeduri distinti, dawn il-kundanni jiġux eżegwiti b'mod kumulattiv jew konkomitanti, billi tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipji ta' proporzjonalità u tal-individwalizzazzjoni tal-piena fl-istadju tal-eżekuzzjoni tagħha.

109. Għaldaqstant, ma jistax jiġi sostnut li, peress li l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 ma jinkludix eċċezzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' proċedura ta' sentenza globali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, minn dan jista' jiġi dedott li l-implimentazzjoni ta' tali proċedura tmur kontra din id-dispożizzjoni.

110. Wara li dan ġie ppreċiżat, l-implimentazzjoni ta' proċedura ta' sentenza globali fis-sitwazzjoni fejn l-eżekuzzjoni ta' kundanna tiġi ttrasferita lil Stat Membru ieħor konformement mad-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni qafas hija suġġetta għall-osservanza tal-"obbligu ta' prinċipju, li jinkombi [l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni], li tirrikonoxxi s-sentenza li tkun ġiet trażmessa lilha u li teżegwixxi l-kundanna li t-tul u n-natura tagħha jkunu jikkorrispondu għal dawk previsti fis-sentenza mogħtija [fl]-Istat emittenti"[39]. Għaldaqstant, huwa biss fil-limiti stretti previsti fl-Artikolu 8(2) sa (4) tal-imsemmija deċiżjoni qafas li t-tul jew in-natura tal-kundanna inizjali li hija s-suġġett ta' proċedura ta' sentenza globali jistgħu, jekk ikun il-każ, jiġu adattati. F'dan ir-rigward nirrileva li, anki jekk dan ma jkunx każ ta' proċedura ta' sentenza globali, huwa possibbli li, qabel l-għoti ta' tali sentenza, it-tul jew in-natura tal-kundanna inizjali mogħtija fi Stat Membru ieħor jkollhom jiġu adattati, konformement mal-Artikolu 8(2) sa (4) tal-istess deċiżjoni qafas, sabiex ikunu jistgħu jiġu effettivament eżegwiti fl-Istat ta' eżekuzzjoni. F'tali sitwazzjoni, hija l-kundanna li kienet is-suġġett ta' tali adattament li sussegwentement għandha, fi tmiem proċedura ta' sentenza globali, tiġi eżegwita b'mod konkomitanti u simultanju ma' oħra fil-kuntest ta' piena globali.

111. Ma jidhirlix li l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 għandu effett fuq il-kompatibbiltà ta' proċedura ta' sentenza globali ma' din id-deċiżjoni qafas. Fil-fatt, dan l-artikolu, li l-paragrafu 1 tiegħu jispeċifika li l-eżekuzzjoni ta' kundanna hija rregolata mid-dritt tal-Istat ta' eżekuzzjoni, jistabbilixxi l-prinċipji applikabbli għall-eżekuzzjoni tal-kundanna ladarba l-persuna kkundannata tkun ġiet ittrasferita lill-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat[40]. Dawn huma miżuri li għandhom jippermettu li tiġi żgurata l-eżekuzzjoni materjali tas-sentenza u li tiġi żgurata l-integrazzjoni soċjali mill-ġdid tal-persuna kkundannata[41]. Kif indikajt preċedentement u kif jirriżulta mis-sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek[42], dawn il-miżuri li jikkonċernaw

[39] Ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2016, Ognyanov (C-554/14, EU:C:2016:835, punt 36).

[40] Ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2016, Ognyanov (C-554/14, EU:C:2016:835, punt 39).

[41] Fil-punt 72 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Ognyanov (C-554/14, EU:C:2016:319), l-Avukat Ġenerali Bot ippreċiża li, f'dan il-kuntest, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għandhom jistabbilixxu l-modalitajiet relatati mal-iżvolġiment tal-piena u mal-amministrazzjoni tagħha, billi jiddeċiedu, pereżempju, dwar l-għoti ta' libertà, il-permessi tal-ħruġ, is-semilibertà, it-tqassim u s-sospensjoni tal-piena, miżuri ta' liberazzjoni bikrija jew ikkundizzjonata tal-persuna detenuta jew it-tqegħid taħt sorveljanza elettronika. Huwa indika wkoll li d-dritt tal-eżekuzzjoni tal-pieni jkopri, barra minn hekk, il-miżuri li jistgħu jiġu adottati wara l-liberazzjoni tal-persuna kkundannata, bħat-tqegħid taħt is-sorveljanza ġudizzjarja tagħha jew anki l-parteċipazzjoni tagħha fi programmi ta' riabilitazzjoni, jew miżuri ta' kumpens favur il-vittmi.

[42] C-271/17 PPU, EU:C:2017:629.

il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-pieni għandhom jiġu distinti minn dawk li, billi jemendaw il-quantum tal-piena jew tal-pieni imposti, huma relatati mad-determinazzjoni tal-livell tal-pieni. Peress li l-proċedura ta' sentenza globali tappartjeni għal din l-aħħar kategorija, hija ma hijiex ikkonċernata mill-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, li jirrigwarda l-miżuri dwar il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-pieni. F'dan ir-rigward, il-fatt li l-proċedura ta' sentenza globali titmexxa fl-istadju relatat mal-eżekuzzjoni tal-pieni ma jibdilx l-għan stess ta' din il-proċedura, li huwa li jwassal għal determinazzjoni ġdida tal-livell ta' pieni ta' priġunerija mogħtija preċedentement [43].

112. Lanqas ma jidhirli li l-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 għandu effett fuq il-kompatibbiltà ta' proċedura ta' sentenza globali ma' din id-deċiżjoni qafas. Fil-fatt, mill-Artikolu 19(1) tal-imsemmija deċiżjoni qafas jirriżulta li "[l]-amnestija jew [il-]maħfra jistgħu jingħataw mill-Istat emittenti kif ukoll mill-Istat ta' esekuzzjoni". Issa, l-amnestija u l-maħfra jtemmu l-eżekuzzjoni ta' piena [44], li ma jikkostitwixxi la l-għan u lanqas l-iskop tal-proċedura ta' sentenza globali. Barra minn hekk, fir-rigward tal-Artikolu 19(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, li skontu "[l]-Istat emittenti biss jista' jiddeċiedi dwar applikazzjonijiet għal reviżjoni tas-sentenza li timponi l-piena li trid tiġi infurzata taħt din id-Deċiżjoni Qafas", minn dan jirriżulta li l-Istat ta' eżekuzzjoni la jista' jiddeċiedi li jirrevedi tali sentenza u lanqas jieħu miżuri li jistgħu jkunu ta' natura li jipprekludu r-reviżjoni ta' din is-sentenza fl-Istat emittenti. Hawnhekk ukoll, il-proċedura ta' sentenza globali la għandha l-għan u lanqas l-effett li tipproċedi għar-reviżjoni tad-deċiżjoni li wasslet għall-kundanna li tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' tali proċedura. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, mill-Artikolu 19 tal-imsemmija deċiżjoni qafas ma tista' tinsilet l-ebda tagħlima b'analoġija fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-proċedura ta' sentenza globali ma' din l-istess deċiżjoni qafas.

113. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti niddeduċi li l-Artikolu 8, l-Artikolu 17(1) u l-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 għandhom, fil-fehma tiegħi, jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-implimentazzjoni minn Stat Membru ta' proċedura ta' sentenza globali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bil-kundizzjoni li din tosserva l-obbligu ta' prinċipju, impost fuq l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni, li tirrikonoxxi s-sentenza li tkun ġiet trażmessa lilha u li teżegwixxi l-kundanna li t-tul u n-natura tagħha jkunu jikkorrispondu għal dawk previsti fis-sentenza mogħtija fl-Istat emittenti. Huwa biss fil-limiti stretti previsti fl-Artikolu 8(2) sa (4) ta' din id-deċiżjoni qafas li t-tul jew in-natura tal-kundanna inizjali li hija s-suġġett ta' proċedura ta' sentenza globali jistgħu, jekk ikun il-każ, jiġu adattati qabel l-għoti ta' tali sentenza.

114. Fi tmiem dawn l-argumenti dwar id-Deċiżjonijiet Qafas 2008/675 u 2008/909, nasal għall-konklużjoni li, bla ħsara għall-kundizzjonijiet u għal-limiti indikati preċedentement, dawn id-deċiżjonijiet qafas ma jipprekludux, bħala prinċipju, l-implimentazzjoni fi Stat Membru ta' proċedura ta' sentenza globali f'sitwazzjoni ta' trasferiment ta' eżekuzzjoni lil dan l-Istat Membru ta' kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor.

115. Soluzzjoni kuntrarja, kif ġustament indikaw il-qorti tar-rinviju u l-Gvern Ungeriż, twassal għal differenza fit-trattament mhux iġġustifikata bejn persuni li jkunu ġew ikkundannati għal diversi pieni fi Stat Membru wieħed u dawk li jkunu ġew ikkundannati f'diversi Stati Membri meta, fiż-żewġ każijiet, il-pieni jiġu eżegwiti fl-istess Stat Membru.

[43] Sentenza tal-10 ta' Awwissu 2017, Zdziaszek (C-271/17 PPU, EU:C:2017:629, punt 90).

[44] Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 21(f) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 li jsemmi "kwalunkwe deċiżjoni biex ma tiġix infurzata s-sentenza għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 19(1) [ta' din id-deċiżjoni qafas]".

116. Fil-fatt, il-persuni kkundannati għal pieni ta' priġunerija fil-Polonja jistgħu jibbenefikaw mill-proċedura ta' sentenza globali, filwaqt li l-persuni kkundannati għal tali pieni mhux biss fil-Polonja, iżda wkoll fi Stati Membri oħra jkunu suġġetti għar-regola tal-kumulu pur u sempliċi tal-pieni.

117. L-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' individwalizzazzjoni tal-piena abbażi biss tal-post fejn ingħatat sentenza jidhirli li tmur kontra l-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja bbażat fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent u ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

118. Għall-kuntrarju, peress li d-dritt Pollakk jipprevedi proċedura ta' sentenza globali, l-implimentazzjoni ta' tali proċedura sabiex tiġi inkluża f'piena globali kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor taqa' kompletament taħt l-għanijiet li għandhom jintlaħqu mid-Deċiżjonijiet Qafas 2008/675 u 2008/909. Fil-fatt, l-eżerċizzju mill-qorti adita mill-ġdid fil-kuntest ta' proċedura ta' sentenza globali tas-setgħa diskrezzjonali tagħha jwassal għal individwalizzazzjoni aħjar tal-piena fl-istadju tal-eżekuzzjoni tagħha, u fl-istess ħin jorbot kemm it-teħid inkunsiderazzjoni tal-passat kriminali tal-persuna kkundannata kif ukoll il-funzjoni ta' integrazzjoni soċjali mill-ġdid tal-piena. Ikun inkonsistenti ma' dawn l-għanijiet kif ukoll mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li l-persuni kkundannati li, għall-integrazzjoni soċjali mill-ġdid tagħhom, jiskontaw il-piena tagħhom fl-Istat ta' oriġini tagħhom ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn proċedura li tippermetti l-eżekuzzjoni konkomitanti u simultanja ta' diversi pieni għas-sempliċi raġuni li dawn tal-aħħar ikunu ngħataw minn qrati kriminali ta' diversi Stati Membri.

119. Konsegwentement, meta s-salvagwardji għall-implimentazzjoni ta' dawn iż-żewġ deċiżjonijiet qafas jiġu osservati, jiġifieri l-preżervazzjoni tad-deċiżjoni barranija kollha kemm hi kif ukoll tas-sovranità tal-qorti li tatha[45], għandha tiġi pprivileġġata soluzzjoni li tikkonsisti f'li jingħata l-effett sħiħ lill-funzjoni moderna tal-piena, billi jittieħed inkunsiderazzjoni, fl-istadju tal-eżekuzzjoni tagħha, il-passat kriminali tal-persuna kkundannata, b'mod li tiġi żgurata repressjoni effikaċi filwaqt li jiġu osservati l-prinċipju ta' proporzjonalità u dak tal-individwalizzazzjoni tal-piena.

120. Kif diġà indikajt, jidher li mill-elementi li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-dritt Pollakk jostakola t-teħid inkunsiderazzjoni fil-kuntest ta' proċedura ta' sentenza globali ta' kundanna mogħtija fi Stat Membru ieħor. Jekk il-qorti tar-rinviju tikkonferma din il-konstatazzjoni, hija għandha tinnewtralizza dan l-ostakolu billi ssegwi l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Ġunju 2019, Popławski[46], jiġifieri billi tagħmel dak kollu li jaqa' taħt il-kompetenza tagħha sabiex tinterpreta d-dritt nazzjonali tagħha konformement ma' dak li jeħtieġu r-regoli previsti mid-Deċiżjonijiet Qafas 2008/675 u 2008/909.

[45] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Beshkov (C-171/16, EU:C:2017:386, punt 70).

[46] C-573/17, EU:C:2019:530.

V. Konklużjoni

121. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mis-Sąd Okręgowy w Gdańsku (il-Qorti Reġjonali ta' Gdańsk, il-Polonja) bil-mod li ġej:

1) L-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda, moqri fid-dawl tal-premessa 14 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix, bħala prinċipju, li qorti ta' Stat Membru tieħu inkunsiderazzjoni, fil-każ ta' proċedura kriminali ġdida li tikkonsisti fi proċedura ta' sentenza globali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kundanna preċedenti mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor u li l-eżekuzzjoni tagħha tkun ġiet ittrasferita lill-Istat Membru fejn tiżvolġi din il-proċedura, konformement mar-regoli previsti mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009. Madankollu, hija l-qorti li quddiemha tiżvolġi proċedura ta' sentenza globali li għandha tivverifika, wara eżami każ b'każ, skont is-sitwazzjoni konkreta, li tali proċedura la għandha l-effett li tinfluwenza dawn il-kundanni preċedenti jew kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-eżekuzzjoni tagħhom fl-Istat Membru fejn tiżvolġi l-imsemmija proċedura, la li tirrevokahom, u lanqas li teżaminahom mill-ġdid. B'mod partikolari, l-implimentazzjoni ta' proċedura ta' sentenza globali ma għandha twassal la sabiex tiġi imposta piena globali li hija inqas mill-piena inizjali li tirriżulta mid-deċiżjoni ta' kundanna mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor, u lanqas għall-annullament tal-effetti ta' din id-deċiżjoni.

2) L-Artikolu 8, l-Artikolu 17(1) u l-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-implimentazzjoni minn Stat Membru ta' proċedura ta' sentenza globali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bil-kundizzjoni li din tosserva l-obbligu ta' prinċipju, impost fuq l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, li tirrikonoxxi s-sentenza li tkun ġiet trażmessa lilha u li teżegwixxi l-kundanna li t-tul u n-natura tagħha jkunu jikkorrispondu għal dawk previsti fis-sentenza mogħtija fl-Istat Membru emittenti. Huwa biss fil-limiti stretti previsti f'dan l-Artikolu 8(2) sa (4), li t-tul jew in-natura tal-kundanna inizjali li hija s-suġġett ta' proċedura ta' sentenza globali jistgħu, jekk ikun il-każ, jiġu adattati qabel l-għoti ta' tali sentenza.